Maħruġa b'liġi minni l-lum 14 ta' April, 1961.

(L.S.) A. CAMPBELL,
Aġent Gvernatur.

## ORDINANZA Nru. XI ta' l-1961

*ORDINANZA biex tipprovdi għal gvern lokali f'Għawdex u għal finijiet li għandhom x'jaqsmu miegħu.* Titolu.

[ Kif maħsub fl-artikolu 1 ] Bidu fis-seħħ.

IL-GVERNATUR TA' MALTA ħareġ b'liġi dan li ġej:— Ħruġ b'liġi.

### TAQSIMA I

### PRELIMINARI

1. (1) Din l-Ordinanza tista' tissejjaħ l-Ordinanza ta' l-1961 dwar il-Gvern Lokali ta' Għawdex. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) It-Taqsimiet I, II, IV u VI, l-artikolu 52 (1) u l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u l-Ħames Skeda ta' din l-Ordinanza għandhom jibdew fis-seħħ minnufih u kull waħda mit-Taqsimiet u l-Iskedi l-oħra għandhom jibdew fis-seħħ f'dik id-data li l-Gvernatur jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

2. F'din l-Ordinanza kemm-il-darba r-rabta tal-kliem ma tfisserx xort'oħra — Tifsir.

"*Accountant General*" tfisser l-*Accountant General* tal-Gvern;

"valur annwali suġġett għar-rata" tfisser il-valur gross tar-renta annwali, suġġett biss għal dak it-tnaqqis u *allowances* li jistgħu jsiru b'regolamenti skond l-artikolu 33;

"Kumitat tal-Kuntratti" tfisser il-Kumitat tal-Kuntratti tal-Gvern;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex imwaqqaf skond din l-Ordinanza;

"Direttur ta' Verifika" tfisser id-Direttur ta' Verifika tal-Gvern;

"Direttur tal-Kuntratti" tfisser id-Direttur tal-Kuntratti tal-Gvern;

"kumitat distrettwali" tfisser kumitat distrettwali mwaqqaf skond din l-Ordinanza;

"Kummissjonarju Elettorali" tfisser l-Uffiċjal Prinċipali Elettorali u kull Kummissjonarju Elettorali maħtur skond ir-regolamenti li hemm fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza jew f'xi regolamenti li jħassru jew ibiddlu l-istess;

"reġistru elettorali" tfisser ir-reġistru elettorali pubblikat l-aħħar, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, qabel elezzjoni ta' membri ta' kumitat distrettwali skond din l-Ordinanza; Cap. 157

"sena finanzjarja" tfisser it-tnax-il xahar li jispiċċaw fil-wieħed u tletin ta' Marzu;

"funzjonijiet" tinkludi setgħat u dmirijiet;

"Gvern" tfisser il-Gvern ta' Malta;

"Għawdex" tfisser il-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna;

"art" tinkludi kull bini, siġra jew kull ħaġa mwaħħla ma' l-art u kull parti tax-xatt, u kull servitù fl-art jew fuqha u drittijiet oħra ta' min jużaha u kull dritt ta' ndħil;

"Malta" tfisser il-gżira ta' Malta u d-Dipendenzi tagħha;

Cap. 13. "proġett regolatur" tfisser proġett regolatur skond it-Taqsima II tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija;

"fond suġġett għar-rata" tinkludi kull dar ta' abitazzjoni, depożt, maħżen, ħanut, uffiċċju, fabbrika, ħanut tax-xogħol, remissa, barrakka u kull bini jew struttura oħra tkun li tkun f'Għawdex, kull artijiet li fuqhom l-istess ikunu mibnija, imtelgħin jew imwaqqfa, flimkien ma' kull artijiet oħra li huma aċċessorji għal jew okkupati ma' l-istess rispettivament, u kull biċċa art vaganti f'Għawdex li ma tkunx aċċessorja għal jew okkupata ma' xi dar ta' abitazzjoni, depożt, maħżen, ħanut, uffiċċju, fabbrika, ħanut tax-xogħol, remissa, barrakka jew xi bini jew struttura oħra, iżda ma għandhiex tinkludi —

(a) bini okkupat biss bħala knejjes jew kappelli; jew

(b) skejjel, uffiċċji u *playgrounds* ta' xi skejjel; jew

(ċ) sptarijiet sew pubbliċi sew privati, ospizji, *alm-houses* u istituti għall-għajnuna tal-fqar, sew jekk okkupati għal dawk l-iskopijiet mill-Gvern sew jekk minn persuni privati; jew

(d) kwartieri okkupati ħielsa minn kera mill membri tal-persunal ta' xi wieħed mill-isptarijiet, ospizji, *alm-houses* u istituti msemmija fil-paragrafu (ċ) ta' din it-tifsira u ġewwa r-reċinti tagħhom;

"triq" tinkludi kull triq, sqaq, pjazza, fortifikazzjoni jew post ieħor ta' passaġġ pubbliku;

"tiżmim u manutenzjoni", dwar ħaġa mobbli jew immobbli li għat-tiżmim u manutenzjoni tagħha l-Kunsill għandu dmir jew setgħa li jipprovdi, tinkludi l-manutenzjoni u t-tiswijiet kollha, sew ordinarji sew straordinarji, u l-egħmil tajjeb ta' kull ħsara, magħduda l-qirda jew telf tal-ħaġa, li tinqala' minħabba xi raġuni tkun li tkun kompriża kull grajja aċċidentali; u dwar xi servizz li għat-tiżmim u manutenzjoni tiegħu l-Kunsill għandu dmir jew setgħa li jipprovdi, tfisser l-amministrazzjoni regolari u effiċjenti ta' dak is-servizz.

## TAQSIMA II

### Twaqqif ta' Kunsill u Elezzjonijiet

Twaqqif ta' Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.

3. (1) Għandu jkun hemm kunsill ċiviku għal Għawdex u Kemmuna li jissejjaħ il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex li jkollu dawk il-funzjonijiet kollha li huma mogħtija lill-Kunsill b'din l-Ordinanza jew xort'oħra.

(2) Il-Kunsill ikun korp statutarju ta' gvern lokali li jkollu personalità legali distinta u li jkun jista', f'dik il-kapaċità, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jagħmel kuntratti, iħarrek

u jiġi mħarrek, u jagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u dawk it-tranżazzjonijiet li huma inċidentali jew utili għall-eżerċizzju u l-qadi tal-funzjonijiet tiegħu skond din l-Ordinanza.

Għamla tal-Kunsill.

4. (1) Kull kumitat distrettwali elett skond din l-Ordinanza għandu jkun rappreżentat fil-Kunsill minn kunsulier wieħed li jkun elett skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u, ħlief mita u safejn il-kunsulieri l-oħra jkunu magħżula mill-Kunsill skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Kunsill għandu jkun magħmul minn, u jitqies li jkun imwaqqaf għal kollox minn, il-kunsulieri eletti.

(2) Il-Kunsill jista' jagħżel dak in-numru ta' kunsulieri, li ma jkunx iżjed minn tlieta, kif il-Kunsill jista' jistabbilixxi.

(3) Mita u safejn il-Kunsill ikun eżerċita s-setgħat tiegħu ta' għażla skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Kunsill għandu jkun magħmul minn, u jitqies li kien imwaqqaf għal kollox minn, il-kunsulieri eletti u l-kunsulieri magħżula.

(4) Il-kunsulieri magħżula jkollhom l-istess drittijiet, privileġġi u dmirijiet bħal kunsulieri eletti.

Kwalifiki tal-kunsulieri.

5. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, persuna li —

(a) tkun kwalifikata skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza li tiġi eletta u li tkun membru ta' kumitat distrettwali, u

(b) tkun eletta, f'elezzjoni miżmuma skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, membru ta' kumitat distrettwali,

tkun kwalifikata li tiġi eletta fil-Kunsill bil-mod maħsub f'din l-Ordinanza u li żżomm il-kariga bħala kunsulier elett.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, persuna li, skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, tkun kwalifikata li tiġi eletta u li tkun membru ta' kumitat distrettwali, tkun kwalifikata li tiġi magħżula għall-Kunsill u li żżomm il-kariga bħala kunsulier magħżul.

(3) Persuna fl-impieg tal-Kuruna li tkun kwalifikata skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza biex tiġi eletta u biex tkun membru ta' kumitat distrettwali ma tkunx kwalifikata biex tiġi eletta jew biex tiġi magħżula għall-Kunsill kemm-il-darba hija, qabel din l-elezzjoni jew għażla, ma tkunx irċiviet permess bil-miktub mill-Gvernatur biex tippreżenta ruħha għal din l-elezzjoni jew għażla:

Iżda dan il-permess ma għandux jingħata lil xi persuna f'impieg bħal dak kif intqal qabel li tkun dettaljata għal xogħol mal-Kunsill dwar, jew li tkun minħabba l-impieg tagħha xort'oħra interessata fi, xi waħda mill-ħwejjeġ li dwarhom il-Kunsill għandu xi funzjonijiet skond din l-Ordinanza.

(4) Persuna li, wara li tiġi eletta jew magħżula għall-Kunsill, timpiega ruħha mal-Kuruna għandha ttemm milli tkun kwalifikata li jkollha kariga bħala kunsulier kemm-il-darba, egħluq ħmistax-il ġurnata wara li tieħu dak l-impieg, ma tiksibx il-permess tal-Gvernatur biex tkompli żżomm kariga bħala kunsulier.

(5) Kull permess mogħti skond xi wieħed mill-aħħar żewġ subartikoli ta' qabel ikun jista' jiġi rtirat mill-Gvernatur jekk, wara l-għoti ta' dak il-permess, il-kunsulier li lilu jkun ingħata jiġi dettaljat għal xogħol mal-Kunsill dwar, jew isir minħabba l-impieg tiegħu

xort'oħra interessat fi, xi waħda mill-ħwejjeġ li dwarhom il-Kunsill għandu xi funzjonijiet skond din l-Ordinanza u, wara li jiġi rtirat dak il-permess, dan il-kunsulier għandu jtemm milli jkun kwalifikat li jżomm kariga bħala tali.

(6) Jekk kunsulier itemm milli jkun kwalifikat li jżomm kariga bħala hekk skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, huwa għandu wara dan itemm milli jżomm kariga u l-Kunsill għandu minnufih jiddikjara l-kariga tiegħu vaganti, u l-kariga għandha ssir vaganti mita ssir din id-dikjarazzjoni.

**Żmien ta' kariga u rtir ta' kunsulieri eletti.**

6. Kunsulieri eletti f'elezzjoni ordinarja skond din l-Ordinanza għandhom iżommu l-kariga mill-ewwel ġurnata tax-xahar minnufih wara l-elezzjoni tagħhom u għandhom jirtiraw flimkien fl-aħħar ġurnata tax-xahar ta' l-elezzjoni ordinarja ta' wara, u l-postijiet tagħhom għandhom jimtlew mill-kunsulieri eletti ġodda.

**Żmien ta' kariga u rtir ta' kunsulieri magħżula.**

7. Dawk il-kunsulieri kollha li jistgħu jiġu magħżula fil-Kunsill għandhom iżommu l-kariga mid-data ta' l-għażla tagħhom mill-Kunsill u għandhom jirtiraw flimkien fit-tmiem taż-żmien tal-kariga tal-kunsulieri eletti li jkun fil-kors fiż-żmien ta' l-għażla tagħhom, u l-postijiet tagħhom għandhom jimtlew minn dawk il-kunsulieri l-oħra kif il-Kunsill elett ġdid jista' jiddeċidi li jagħżel.

**Eliġibilità ta' kunsulieri li jirtiraw.**

8. (1) Kunsulieri eletti jkunu jistgħu, mita jirtiraw, jiġu eletti mill-ġdid jew magħżula mill-Kunsill.

(2) Kunsulieri magħżula jistgħu, mita jirtiraw, jerġgħu jiġu magħżula jew jiġu eletti fil-Kunsill.

**Elezzjoni ta' President u Viċi-President tal-Kunsill.**

9. (1) Il-Kunsill għandu kull sena jżomm laqgħa sabiex jeleġġi l-President u l-Viċi-President tal-Kunsill, u din il-laqgħa għandha tinżamm —

(a) f'sena li tkun is-sena ta' elezzjoni ordinarja skond din l-Ordinanza, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata mill-ġurnata li fiha jibda ż-żmien ta' kariga tal-kunsulieri eletti ġodda; u

(b) f'kull sena f'dik il-ġurnata fix-xahar ta' Lulju kif il-Kunsill jista' jistabbilixxi.

(2) Ebda kunsulier ma għandu jservi bħala President tal-Kunsill għal iżjed minn tliet snin konsekuttivi.

(3) Bla ħsara għal kull ordnijiet permanenti magħmula mill-Kunsill, kull ħaġa awtorizzata jew meħtieġa li ssir minn, lil jew quddiem il-President tista' ssir minn, lil jew quddiem il-Viċi-President.

**Vaganza każwali fil-kariga ta' President jew Viċi-President.**

10. Mita jkun hemm vaganza każwali fil-kariga ta' President jew Viċi-President, għandha tinżamm elezzjoni biex timtela' dik il-vaganza minn fost il-kunsulieri fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill miżmuma wara d-data li fiha tiġri l-vaganza.

**Ordnijiet permanenti.**

11. (1) L-ordnijiet permanenti li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza jkollhom effett dwar il-Kunsill u l-kumitati tal-Kunsill.

(2) Il-Kunsill jista', bl-approvazzjoni tal-Gvernatur, jagħmel ordnijiet permanenti sabiex jiġu regolati l-proċeduri u x-xogħol tal-Kunsill, magħdud kull kumitat tiegħu, u tal-kumitati distrettwali:

Iżda s-setgħat tal-Kunsill skond dan is-subartikolu jkunu eżerċitabbli, dwar il-Kunsill u kull kumitat tiegħu, biss għall-ħwejjeġ li għalihom ma jkunx sar provvediment fl-ordnijiet permanenti li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza.

(3) Bla ħsara għall-ordnijiet permanenti li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza u għal kull ordnijiet permanenti magħmula skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Kunsill, il-kumitati tal-Kunsill u l-kumitati distrettwali jistgħu jirregolaw il-proċeduri tagħhom.

Kumitati distrettwali – għamla u funzjonijiet.

**12.** (1) Kull wieħed mid-distretti speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza jkun distrett ta' votazzjoni għall-iskop ta' kull elezzjoni ta' membri ta' kumitati distrettwali miżmuma skond din l-Ordinanza.

(2) Għandu jkun hemm kumitat distrettwali għal kull distrett ta' votazzjoni u l-eletturi f'kull distrett ta' votazzjoni jkollhom dritt li jeleġġu sitt membri għal dak il-kumitat skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

(3) Kumitat distrettwali jista' jagħmel rappreżentanzi lill-Kunsill, permezz tal-kunsulier li jkun eleġġa fil-Kunsill, fuq kull ħaġa dwar id-distrett tiegħu li dwaru l-Kunsill għandu xi funzjonijiet skond din l-Ordinanza, u l-Kunsill, mita jirċievi dawn ir-rappreżentanzi, għandu jaġixxi b'dak il-mod li jiddeċidi.

Kwalifiki ta' kandidati għall-elezzjoni f'kumitati distrettwali.

**13.** (1) Persuna tkun kwalifikata li tiġi eletta u li tkun membru ta' kumitat distrettwali jekk —

(a) tkun reġistrata bħala elettur f'xi parti tar-reġistru elettorali li tirriferixxi għal distrett ta' votazzjoni; u

(b) ma tkunx skwalifikata bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu li jaħbat sew sew wara dan jew ta' xi liġi oħra li tkun fis-seħħ dak iż-żmien.

(2) Ebda ħaġa fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma tagħti dritt lil xi persuna li tiġi eletta membru ta' kumitat distrettwali jekk tkun temmet milli jkollha l-kwalifiki meħtieġa bid-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi biex tkun reġistrata kif maħsub f'dak il-paragrafu. Cap. 157.

(3) Ebda persuna ma tkun kwalifikata li tiġi eletta membru ta' kumitat distrettwali li ma jkunx dak għad-distrett tal-votazzjoni li dwaru tkun reġistrata bħala elettur kif intqal qabel.

Skwalifika għal elezzjoni għal kumitati distrettwali.

**14.** (1) Persuna tkun skwalifikata milli tiġi eletta jew milli tkun membru ta' kumitat distrettwali jekk hija —

(a) tkun persuna fl-impieg tal-Kuruna u ma tkunx, qabel ma tkun ġiet nominata bħala kandidat għall-elezzjoni, ħadet permess bil-miktub mill-Gvernatur biex jagħti l-kunsens għal dik in-nomina; jew

(b) tkun persuna fl-impieg tal-Kunsill; jew

(ċ) tkun falluta mhux rijabilitata skond il-liġi ta' Malta.

(2) Jekk membru ta' kumitat distrettwali jtemm milli jkun kwalifikat li jkun reġistrat bħala elettur fir-reġistru elettorali, jew

itemm milli jkun kwalifikat skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13, jew isir skwalifikat skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, għandu wara dan itemm milli jkun membru u l-kumitat distrettwali għandu minnufih jiddikjara l-post vaganti, u l-post għandu jsir vaganti mita ssir dikjarazzjoni bħal din.

(3) Egħluq tlitt ijiem minn mita ssir dikjarazzjoni bħal dik il-kumitat distrettwali għandu jibgħat avviż bil-miktub dwar hekk lis-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill.

Ġurnata ta' elezzjoni ta' membri tal-kumitati distrettwali.

**15.** (1) Elezzjoni ordinarja ta' membri ta' kumitati distrettwali għandha tinżamm fis-sena 1961 u wara din f'kull tielet sena, u kull elezzjoni bħal din għandha tinżamm fi żmien mhux qabel l-ewwel ġurnata jew aktar tard mill-ħmistax il-ġurnata tax-xahar ta' Ġunju jew ta' xi xahar ieħor wara kif il-Gvernatur jista' jistabbilixxi għal hekk.

(2) Laqgħat pubbliċi u dimostrazzjonijiet ma għandhomx jinżammu f'Għawdex fil-ġurnata ta' xi elezzjoni ta' membri ta' xi kumitat distrettwali.

Żmien ta' kariga u rtir tal-membri tal-kumitati distrettwali.

**16.** Il-membri tal-kumitati distrettwali eletti f'elezzjoni ordinarja skond din l-Ordinanza għandhom jibqgħu membri mill-ewwel ġurnata tax-xahar minnufih wara l-elezzjoni tagħhom u għandhom jirtiraw flimkien fl-aħħar ġurnata tax-xahar ta' l-elezzjoni ordinarja ta' wara, u l-postijiet tagħhom għandhom jimtlew mill-membri eletti ġodda.

Penali lil persuna mhux kwalifikata li tagħmilha ta' kunsulier jew ta' membru ta' kumitat distrettwali.

**17.** (1) Persuna teħel penali ta' żewġ liri għal kull okkażjoni li fiha tagħmilha ta' kunsulier jew ta' membru ta' kumitat distrettwali mita tkun taf, jew ikollha raġuni tajba li tkun taf, li hija skwalifikata milli tagħmilha ta' hekk jew li l-post tagħha jkun sar vaganti.

(2) Din il-piena tkun tista' tinġabar b'kawża fil-qorti ċivili kompetenti f'isem is-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill u għandha titħallas lill-Fond ta' Dħul tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.

Validità ta' egħmil magħmul minn persuna mhux kwalifikata

**18.** L-egħmil u l-proċeduri ta' kull kunsulier jew membru ta' kumitat distrettwali li jagħmilha ta' hekk għandhom, minkejja innuqqas tiegħu ta' kwalifika, ikunu validi u effettivi bħallikieku kien kwalifikat.

Riżenja ta' kunsulieri u membri ta' kumitati distrettwali.

**19.** Kunsulier jista' f'kull żmien jirriżenja mill-kariga tiegħu u membru ta' kumitat distrettwali jista' f'kull żmien jirriżenja mill-post ta' membru b'avviż bil-miktub iffirmat minnu u konsenjat lis-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill, u r-riżenja tiegħu tibda sseħħ u l-kariga jew il-post ta' membru tiegħu, skond il-każ, isiru vaganti mid-data li jiġi riċevut l-avviż tar-riżenja mis-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill.

Nuqqas ta' attendenza ta' laqgħat minn kunsulieri jew membri ta' kumitati distrettwali.

**20.** (1) Jekk kunsulier jew membru ta' kumitat distrettwali jonqos għal matul żmien ta' tliet xhur konsekuttivi milli jattendi xi laqgħa tal-Kunsill jew ta' kumitat distrettwali rispettivament, kemm-il-darba n-nuqqas ma kienx minħabba xi raġuni approvata mill-Kunsill jew mill-kumitat distrettwali, skond il-każ, il-Kunsill jew il-kumitat distrettwali għandu jiddikjara l-kariga jew il-post tiegħu ta' membru vaganti, u l-kariga jew il-post ta' membru għandu jsir vaganti mita ssir dikjarazzjoni bħal din.

(2) Egħluq tlitt ijiem minn mita ssir dikjarazzjoni skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu l-kumitat distrettwali għandu jibgħat notifika bil-miktub dwar hekk lis-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill.

**21.** (1) Kull mita jkun hemm vaganza każwali fil-postijiet ta' membri ta' kumitat distrettwali skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew minħabba l-mewt ta' membru ta' dak il-kumitat, għandha tintbagħat notifika bil-miktub dwar dik il-vaganza lill-Gvernatur mis-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill egħluq sitt ijiem minn mita tkun saret il-vaganza, jew, f'kull f'każ li jaqa' taħt is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 14 jew taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 20, egħluq tlitt ijiem mid-data li fiha huwa jirċievi avviż bil-miktub dwar il-vaganza, u għandha tinżamm elezzjoni biex timtela l-vaganza skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza f'ġurnata li tiġi stabbilita mill-Gvernatur, li tkun mhux anqas minn erbgħin ġurnata jew iżjed minn sittin ġurnata wara d-data li fiha tkun saret dik il-vaganza:

*Vaganzi każwali u elezzjonijiet każwali għal kumitati distrettwali jew għall-Kunsill.*

Iżda jekk vaganza każwali ssir kif intqal qabel egħluq sitt xhur qabel il-ġurnata ordinarja ta' rtir mill-post ta' membru li fih issir l-vaganza, ma għandhiex issir elezzjoni biex timtela l-vaganza każwali, iżda l-vaganza għandha timtela fl-elezzjoni ordinarja ta' wara.

(2) Mita elezzjoni biex timtela vaganza każwali f'kumitat distrettwali tinżamm skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u minħabba ġrajja li toħloq dik il-vaganza tiġri wkoll fil-Kunsill vaganza każwali fil-kariga ta' kunsulier elett, il-kumitat distrettwali għandu, f'dik il-ġurnata li tista' tiġi maħtura għal hekk mill-Kumissjonarji Elettorali, li ma tkunx aktar tard minn għaxart ijiem mill-ġurnata li fiha l-vaganza każwali fil-postijiet ta' membri tagħha timtela, u bil-mod maħsub f'din l-Ordinanza jeleġġi wieħed mill-membri tiegħu biex jimla l-vaganza każwali fil-Kunsill u biex iżomm il-kariga fih bħala kunsulier elett.

(3) Mita elezzjoni każwali ta' kunsulier tinżamm skond l-aħħar subartikolu li jaħbat qabel dan in-numru ta' voti miksuba f'dik l-elezzjoni minn xi membru tal-kumitat distrettwali għandu jiġi dikjarat mill Kummissjonarji Elettorali li jmexxu dik l-elezzjoni u għandu, għall-fini tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu li jaħbat sew sew wara dan, jissostitwixxi r-riżultati dikjarati f'xi elezzjoni ordinarja jew f'xi elezzjoni każwali ta' qabel ta' kunsulier biex jirrappreżenta dak il-kumitat distrettwali fil-Kunsill.

(4) Kull mita tiġri fil-Kunsill vaganza każwali fil-kariga ta' kunsulier elett skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza iżda minħabba l-ġrajja li toħloq dik il-vaganza ma tiġrix ukoll vaganza każwali fil-postijiet ta' membri tal-kumitat distrettwali li kien qabel rappreżentat fil-Kunsill minn dak il-kunsulier, il-membru tal-kumitat distrettwali li jkun kiseb l-ogħla numru ta' voti warajh fl-elezzjoni ta' dak il-kunsulier għandu, mingħajr formalità oħra jitqies bħala elett fil-Kunsill u għandu jżomm il-kariga bħala kunsulier elett:

Iżda mita elezzjoni każwali għal kumitat distrettwali skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun inżammet wara l-elezzjoni tal-kunsulier li l-kariga tiegħu tkun saret vaganti kif intqal qabel, il-kumitat distrettwali għandu, skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jeleġġi wieħed mill-membri tiegħu biex

jimla l-vaganza każwali fil-Kunsill u biex iżomm il-kariga fih bħala kunsulier elett.

(5) Persuna eletta skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għall-postijiet ta' membri ta' kumitat distrettwali jew għall-kariga ta' kunsulier elett għandha żżomm dak il-post ta' membru jew dik il-kariga sad-data li fiha l-persuna li minflokha tkun ġiet eletta kienet tirtira regolarment skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u għandha mbagħad tirtira.

Vaganzi ecc. ma jinvalidawx il-proċeduri.

**22.** Il-proċeduri tal-Kunsill jew ta' kumitat tiegħu jew ta' kumitat distrettwali ma għandhomx jiġu invalidati minħabba xi vaganza fost il-membri tagħhom, jew minħabba xi difett fl-elezzjoni jew kwalifika ta' xi membru tagħhom.

Regolamenti fit-Tielet Skeda u setgħa ta' egħmil ta' regolamenti dwar persuni li jistgħu jivvotaw f'elezzjonijiet, tmexxija ta' elezzjonijiet u ħwejjeġ inċidentali jew supplementarji.

**23.** (1) Il-Gvernatur jista' jagħmel regolamenti li jaħsbu għal ħwejjeġ kollha jew xi waħda mill-ħwejjeġ li ġejjin —

(a) il-persuni li jistgħu jivvotaw f'elezzjonijiet, sew ordinarji jew każwali, għal postijiet ta' membri ta' kumitati distrettwali jew għal kariga ta' kunsulieri eletti miżmuma skond din l-Ordinanza;

(b) it-tmexxija ta' elezzjonijiet bħal dawk; u

(ċ) kull ħaġa inċidentali jew supplementarja għal xi waħda mill-ħwejjeġ ta' qabel u b'mod ġenerali għat-tmexxija aħjar ta' l-iskopijiet u finijiet tad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima:

Iżda sakemm ma jitbiddlux jew ma jitħassrux b'xi regolamenti bħal dawn, ir-regolamenti msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza għandhom iseħħu.

(2) L-imsemmija regolamenti u kull regolamenti li jbiddlu jew iħassru l-istess kif intqal qabel għandu jkollhom l-istess saħħa u effett bħallikieku kienu jinsabu f'din l-Ordinanza.

## TAQSIMA III

### Funzjonijiet Tal-Kunsill

Dmirijiet tal-Kunsill.

**24.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ikun dmir tal-Kunsill f'Għawdex —

(a) li jaħseb għat-tiżmim u manutenzjoni ta' kull triq li tkun tal-Gvern;

(b) li jaħseb għat-tiżmim u manutenzjoni ta' kull fond li l-amministrazzjoni u t-tmexxija tiegħu hija mogħtija lill-Kunsill bis-saħħa ta' l-artikolu 36 ta' din l-Ordinanza;

(ċ) li jaħseb għall-kostruzzjoni ta' toroq ġodda skond kull proġett regolatur approvat mill-Gvernatur;

(d) li jagħti parir lill-Gvernatur fuq kull proġett regolatur li l-Gvernatur jista' jirriferixxi lill-Kunsill għal parir waqt il-kors jew wara l-preparazzjoni ta' dak il-proġett;

(e) li jaħseb għat-tiżmim u manutenzjoni tal-Mużew ta' Għawdex, tal-Librerija Pubblika ta' Għawdex u tas-servizz tal-libreriji distrettwali;

(f) li jaħseb għat-tiżmim u manutenzjoni ta' kull bini jew siti proprjetà tal-Gvern jew fdal imsemmi f'xi lista pubblikata skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet; Cap. 90.

(ġ) li jaħseb għat-tiżmim u manutenzjoni ta' ċimiterji pubbliċi;

(ħ) li jaħseb għat-tiżmim u manutenzjoni ta' l-ispiżeriji kollha distrettwali;

(i) li jaħseb għat-tiżmim u manutenzjoni tal-*public conveniences* kollha, *dustbins* u reċipjenti oħra għad-depożtu temporanju u ġbir ta' żibel, u li jaħseb għall-ġbir u tneħħija taż-żibel kollu minn kull post pubbliku jew privat u għall-manutenzjoni ta' ndafa fit-toroq;

(j) li jaħseb għall-preparazzjoni, tiżmim u manutenzjoni tal-*playgrounds* tat-tfal, u għat-tiżmim u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u tas-*Silver Jubilee Sports Ground;*

(k) li jaħseb għal dawk ix-xogħlijiet, oġġetti, ħwejjeġ u servizzi kollha l-oħra li l-Gvernatur jista' b'ordni jordna li l-Kunsill ikollu d-dmir li jaħseb; u

(l) li jagħmel ix-xogħlijiet, oġġetti, ħwejjeġ u servizzi kollha meħtieġa jew utili għal xi waħda mill-ħwejjeġ imsemmija qabel.

**25.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, b'żieda għad-dmirijiet mogħtija lill-Kunsill bl-artikolu 24, il-Kunsill ikollu s-setgħa, mita l-Kunsill jidhirlu meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk, f'Għawdex — **Setgħat tal-Kunsill**

(a) li jagħmel, minn rajh, rikmandazzjonijiet lill-Gvernatur għal jew dwar xi proġett regolatur, u b'mod partikulari għall-ftugħ ta' toroq ġodda;

(b) li jaħseb għat-tmexxija ta' titjib f'kull triq u għall-estensjoni tad-dawl elettriku f'kull triq;

(ċ) li jaħseb għall-estensjoni ta' *mains* ta' l-ilma u drenaġġ tat-triq;

(d) li jaħseb għall-bini ta' *public conveniences;* u

(e) li jagħmel ix-xogħlijiet u jieħu l-miżuri kollha meħtieġa jew konsegwenzjali għal kull ħaġa li ssir mill-Kunsill fl-eżerċizzju tas-setgħat imsemmija qabel.

**26.** Dwar xi servizz li, minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima, kien amministrat mill-Gvern dwar ħaġa li għat-tiżmim u manutenzjoni tagħha l-Kunsill għandu dmir jew setgħa li jaħseb skond din l-Ordinanza, il-Gvernatur jista' b'ordni jordna li, sa minn dik id-data (li tista' tkun data qabel id-data li fiha jsir l-ordni) u bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet u ħtieġiet li jistgħu jkunu speċifikati fl-ordni, il-Kunsill ikollu dmir jew setgħa, skond il-każ, li jaħseb għat-tiżmim u manutenzjoni ta' dak is-servizz kollu jew ta' xi parti minnu. Il-Gvernatur jista' jagħmel ordnijiet biex jordna li l-Kunsill ikollu dmir jew setgħa li jaħseb għal ċerti servizzi.

*Ħatra ta' kumitati tal-Kunsill.*

**27.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, il-Kunsill jista' jaħtar kumitati li jinkludu Kumitat tal-Finanzi, Kumitat tat-Toroq u Kumitat tas-Saħħa għall-fini li jagħmlu dak ix-xogħol li l-Kunsill jista' jassenjalhom.

(2) Kull kumitat bħal dan għandu jikkonsisti minn mhux iżjed minn tmien persuni u jista' jinkludi persuni, li ma jkunux iżjed minn tlieta, li ma jkunux kunsulieri.

(3) Kull kumitat bħal dak għandu jkollu setgħa sa l-ewwel ġurnata ta' Lulju li jaħbat sew sew wara l-ħatra tiegħu, jew dik il-ġurnata qabel kif jiddeċidi l-Kunsill, biex jagħmel ix-xogħol ordinarju li għalih ikun maħtur.

*Egħmil ta bye-laws.*

**28.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Kunsill jista' jagħmel, u mita jagħmel, ibiddel jew iħassar *bye-laws* għall-finijiet imsemmija fl-artikoli 24, 25 u 26 biex jiġu evitati u soppressi inkonvenjenzi f'Għawdex kollu jew f'parti minnu.

(2) *Bye-laws* magħmula mill-Kunsill ikunu suġġetti għal approvazzjoni tal-Gvernatur, li qabel ma japprovahom jista' jemendahom.

(3) Dawn il-*bye-laws* għandhom, jekk approvati mill-Gvernatur, jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u jkollhom seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom jew kull data ta' wara msemmija fihom:

Iżda *bye-law* magħmula mill-Kunsill ma jkollhiex seħħ jekk il-persuna li tikkontesta l-validità tagħha turi li l-*bye-law* —

(a) ma tkunx saret regolarment mill-Kunsill skond il-proċedura preskritta minn jew skond din l-Ordinanza; jew

(b) tkun *ultra vires;* jew

(ċ) ma tkunx ċara fit-termini tagħha; jew

(d) ma tkunx raġonevoli; jew

(e) tkun inkompatibbli għal xi disposizzjoni ta' liġi b'mod ġenerali fis-seħħ f'Malta.

*Reati u proċeduri dwar bye-laws.*

**29.** (1) Il-Kunsill jista' jipprovdi illi kull min jikser id-disposizzjoni ta' xi *bye-law* magħmula mill-Kunsill skond l-artikolu 28 ikun ħati ta' reat u jeħel, mita jinsab ħati, il-penalitajiet li ma jeċċedux il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

*Cap. 12.*

(2) Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali għandhom jgħoddu għall-proċeduri kollha skond dan l-artikolu.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu dwar reati, pieni u proċeduri jkunu b'żieda ta' u b'ebda mod ma jħassru xi disposizzjonijiet oħra tal-liġi applikabbli għall-fatt li jikkostitwixxi r-reat:

Iżda ħadd ma jista' jiġi kastigat darbtejn għall-istess reat.

*Setgħa biex tingabar rata annwali.*

**30.** (1) Sabiex jingabru flejjes għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu skond din l-Ordinanza l-Kunsill jista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u ta' kull regolamenti magħmula skond l-artikolu 33, jagħmel u jiġbor dwar kull sena finanzjarja, rata fuq il-valur annwali suġġett għar-rata ta' kull fond suġġett għar-rata f'Għawdex jew f'xi parti minnu.

(2) Il-Kunsill għandu, mita jistabbilixxi r-rata, jieħu kont tal-ħlasijiet ta' spejjeż li għandhom isiru mir-rata matul is-sena finanzjarja li dwarha tingħabar.

(3) Din ir-rata għandha tingħabar b'ordni magħmul mill-Kunsill bl-approvazzjoni tal-Gvernatur, u dan l-ordni għandu —

(a) jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern mill-anqas xahar qabel il-bidu tas-sena finanzjarja li dwarha tingħabar ir-rata; u

(b) jispeċifika d-data mita r-rata ssir dovuta u l-post, ħin u mod ta' ħlas.

(4) Rata li tingħabar skond dan l-artikolu ma għandha fl-ebda każ tkun iżjed minn għaxra fil-mija tal-valur annwali suġġett għar-rata ta' kull fond suġġett għar-rata li fuqu tingħabar.

(5) Ordni biex tingħabar rata skond dan l-artikolu dwar kull sena finanzjarja għandu, kemm-il-darba ma jkunx provdut xort'oħra fih, jibqa' fis-seħħ dwar kull sena finanzjarja ta' wara sakemm jiġi mħassar jew imbiddel b'ordni ieħor, u jista', salv il-massimu speċifikat fl-aħħar subartikolu ta' qabel, jispeċifika rata ogħla jew iżjed baxxa dwar snin finanzjarji diversi u fondi jew klassijiet ta' fondi diversi jew fondi f'partijiet diversi ta' Għawdex.

(6) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull regolamenti magħmula skond l-artikolu 33, il-Kunsill jista' jiddeċidi l-valur annwali suġġett għar-rata ta' kull fond suġġett għar-rata f'Għawdex u jista' b'riżoluzzjoni jiddelega s-setgħat tiegħu għal hekk lill-Assessuri tar-Rata maħtura skond dawn ir-regolamenti.

Risponsabbiltà għal ħlas tar-rata annwali.

**31.** (1) L-okkupant ta' kull fond suġġett għar-rata fid-data li fiha xi rata miġbura mill-Kunsill tkun dovuta jkun risponsabbli għall-ħlas ta' dik ir-rata lill-Kunsill.

(2) Jekk xi persuna tonqos milli tħallas lill-Kunsill xi rata li għaliha tkun risponsabbli fi żmien xahar wara li l-istess tkun dovuta, il-Kunsill jista' jiġborha bl-ispejjeż u mgħax tal-ħamsa fil-mija fis-sena mill-ġurnata mita din ir-rata kien imissha tħallset sad-data tal-ħlas.

(3) Kawża skond l-aħħar subartikolu li jaħbat sew sew qabel dan għall-ġbir ta' rata mill-Kunsill tkun preskritta jekk ma ssirx kif imiss egħluq sentejn mid-data li fiha din ir-rata kienet dovuta.

Dmir ta' għoti ta' tagħrif dwar rata annwali.

**32.** (1) Kull persuna li tinħtieġ tagħmel hekk għandha tagħti dak it-tagħrif kollu li jista' raġonevolment ikun mitlub lilha mill-Kunsill jew f'ismu sabiex jikseb tagħrif għall-istima jew ġbir tar-rata.

(2) Kull persuna li xjentement turi ħażin b'xi mezz l-abbiltà tagħha suġġetta għar-rata jew li, wara li kienet meħtieġa li tagħti tagħrif skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tiċħad jew tittraskura li tagħti dak it-tagħrif tkun ħatja ta' reat u teħel mita tinsab ħatja multa jew priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur.

Setgħa ta' tagħmil ta' regolamenti dwar ir-rati

33. Il-Gvernatur jista', mita jirċievi talba mill-Kunsill għal hekk, jagħmel regolamenti li jaħsbu għall-ħwejjeġ kollha jew xi waħda mill-ħwejjeġ li ġejjin —

(a) il-mod biex jiġi stabbilit il-valur annwali suġġett għar-rata ta' fondi suġġetti għar-rata;

(b) it-tnaqqis u l-*allowances* li jistgħu jsiru biex jiġi stabbilit il-valur annwali suġġett għar-rata ta' kull fond suġġett għar-rata;

(ċ) il-ħatra ta' Assessuri tar-Rata u ta' dawk il-persuni l-oħra li jistgħu jitqiesu meħtieġa biex jagħmlu x-xogħol biex jiġi stabbilit il-valur annwali suġġett għar-rata ta' kull fond suġġett għar-rata u biex tiġi stmata r-rata dovuta fuq dawk il-fondi;

(d) it-tiżmim b'mod xieraq ta' Ktieb dwar ir-Rata fuq Fondi;

(e) il-valutazzjoni xierqa ta' fondi suġġetti għar-rata u l-ġbir u l-ħlas tar-rati annwali;

(f) il-proċedura biex jiġu preżentati oġġezzjonijiet għal valutazzjonijiet jew stima ta' rata jew biex isir tibdil ta' valutazzjonijiet, għall-konsiderazzjoni ta' dawn l-oġġezzjonijiet u tibdil mill-Kunsill jew xi kumitat tiegħu, u għall-appelli li jsiru lill-qorti kompetenti minn xi deċiżjoni tal-Kunsill jew minn xi kumitat tiegħu dwar xi oġġezzjoni għal valutazzjoni ta' fond suġġett għar-rata jew għal stima ta' rata magħmula skond din l-Ordinanza;

(ġ) kull ħaġa oħra inċidentali, supplementarja jew li għandha x'taqsam ma' xi waħda mill-ħwejjeġ fuq imsemmija.

Kuntratti tal-Kunsill.

34. (1) Il-Kunsill jista' bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u skond l-ordnijiet permanenti tiegħu, jagħmel kuntratti meħtieġa għall-qadi ta' kull waħda mill-funzjonijiet tiegħu.

(2) Kuntratt għall-kiri ta' xi fond li l-amministrazzjoni u t-tmexxija tiegħu hija mogħtija lill-Kunsill bis-saħħa ta' l-artikolu 36, jew għall-provvista ta' oġġetti jew ħwejjeġ jew għall-esekuzzjoni ta' xogħlijiet li jkunu stmati mill-Kunsill li jkunu iżjed minn elf lira fil-valur għandu, jekk ma jkunx xort'oħra awtorizzat mill-Gvernatur, isir mill-Kunsill wara —

(a) l-avviż tal-ħsieb tal Kunsill li jagħmel il-kuntratt ikun ġie pubblikat u jkunu ġew mitluba offerti, f'isem il-Kunsill, mid-Direttur tal-Kuntratti skond il-proċedura li tkun dak iż-żmien fis-seħħ dwar kuntratti magħmula mill-Gvern; u

(b) li l-Kunsill ikun ta qis kif imiss għar-rikmandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Kuntratti, kif mogħtija mid-Direttur tal-Kuntratti, dwar l-għoti tal-kuntratt.

(3) Kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew ħwejjeġ jew għall-esekuzzjoni ta' xogħlijiet li ma jkunux stmati mill-Kunsill li jkunu iżjed minn elf lira fil-valur għandu jsir mill-Kunsill skond l-ordnijiet permanenti speċjali li, mingħajr ħsara għal ordnijiet permanenti oħra applikabbli għal kuntratti tal-Kunsill kif maħsub bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandhom isiru mill-Kunsill skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 11, u dawn l-ordnijiet permanenti speċjali għandhom —

(a) jiħtieġu li, ħlief kif jista' jkun provdut xort'oħra bis-saħħa tagħhom dwar kuntratti li ma jkunux stmati mill-Kunsill

li jkunu iżjed minn ħamsin lira fil-valur, jiġi pubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern dwar il-ħsieb tal-Kunsill li jagħmel il-kuntratt u għandhom jintalbu offerti mill-Kunsill; u

(b) jirregolaw il-mod li bih dan l-avviż għandu jiġi pubblikat u kif jintalbu l-offerti:

Iżda kuntratt li jkun stmat mill-Kunsill li jkun ta' ħames mitt lira jew iżjed fil-valur, jew li dwaru, sew jekk jiġu mitluba offerti sew jekk le, il-prezz jew kumpens ieħor li għandu jitħallas mill-Kunsill ikun iżjed minn ħamsin lira, għandu jsir mill-Kunsill wara li jitlob u jqis kif imiss ir-rikmandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Kuntratti, kif mogħtija mid-Direttur tal-Kuntratti, dwar l-għoti tal-kuntratt.

(4) Biex jiġi stmat il-valur ta' oġġetti jew ħwejjeġ jew ta' l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet għall-finijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu, il-Kunsill għandu jaġixxi b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern li, kieku ma kienx għal-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, kien ikun risponsabbli għall-ħaġa li għalina l-kuntratt jirriferixxi.

Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tal-Kuntratti.

35. (1) Il-Gvernatur għandu ta' kull sena, wara li jikkonsulta lill-Kunsill, jaħtar membru tal-Kunsill biex joqgħod fil-Kumitat tal-Kuntratti waqt id-diskussjonijiet ta' dak il-Kumitat fuq kull kuntratt li dwaru, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-Kunsill ikun meħtieġ li jagħti kunsiderazzjoni għar-rikmandazzjonijiet ta' dak il-Kumitat.

(2) Il-Gvernatur għandu wkoll jaħtar kull sena membru tal-Kunsill biex joqgħod fil-Kumitat tal-Kuntratti kull mita l-membru maħtur skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun assenti minn Malta, jew ikun temporanjament inkapaċitat milli jattendi għad-dmirijiet tiegħu fil-Kumitat jew ikun prekluż skond l-ordnijiet permanenti tal-Kunsill milli jieħu parti f'xi diskussjoni dwar xi kuntratt bħal dak kif intqal qabel.

L-amministrazzjoni u t-tmexxija ta' fondi tal-Gvern f'Għawdex hija mogħtija lill-Kunsill.

36. (1) Dan l-artikolu jgħodd għall-fondi f'Għawdex proprjetà tal-Gvern li ma jkunux, fid-data li fiha din it-Taqsima tiġi fis-seħħ, okkupati minn jew f'isem Dipartiment tal-Gvern, u li dwarhom, minnufih qabel dik id-data, il-Gvern kien, b'titolu jkun li jkun, jirċievi xi ħlas li jiġri perjodikalment bi dritt ta' interess fuqhom bħala sid.

(2) L-amministrazzjoni u t-tmexxija ta' kull fond li għalih dan l-artikolu jgħodd tkun sakemm jogħġob lill-Gvernatur u hija hawnhekk mogħtija lill-Kunsill sa mid-data li fiha din it-Taqsima tiġi fis-seħħ, mingħajr sigurtà oħra.

(3) Id-disposizzjonijiet tar-Raba' Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza għandu jkollhom seħħ dwar il-Kunsill fl-amministrazzjoni u tmexxija ta' kull fond li għalih jgħodd dan l-artikolu.

Setgħa ta' ksib u tiżmim ta' proprjetà.

37. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-Kunsill ikollu setgħa li jikseb u li jżomm, imexxi u jiddisponi minn proprjetà inkluża art għall-iskop li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu.

Kuntratti tal-Kunsill dwar art akkwistata mill-Kunsill.

38. (1) Il-Kunsill ma għandux jittrasferixxi jew jipoteka xi art akkwistata minnu skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 37 mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-Gvernatur li jista', mita jagħti dak il-kunsens, jiħtieġ li biex isir kuntratt għal dak it-trasferiment jew ipoteka jipproċedi bil-mod maħsub bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 34.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jgħoddu wkoll għal kull kiri ta' dik l-art kif intqal qabel jekk id-dewmien ta' dak il-kiri jkun għal iżjed minn erba' snin fil-każ ta' fondi urbani u ta' tmien snin fil-każ ta' fondi rustiċi.

## TAQSIMA IV

### Uffiċjali u Impjegati

**Ħatra ta' Segretarju u Teżorier tal-Kunsill.**

**39.** (1) Il-Gvernatur għandu jaħtar persuna xierqa, li tkun persuna b'kariga pensjonabbli mal-Gvern, biex tkun Segretarju u Teżorier tal-Kunsill, b'dak is-salarju u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Gvernatur jiddeċidi.

(2) L-ewwel ħatra għall-kariga ta' Segretarju u Teżorier tal-Kunsill għandha ssir mill-Gvernatur matul l-1961 fi żmien biex il-persuna hekk maħtura tkun tista' ssejjaħ l-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara l-elezzjoni tiegħu matul din is-sena.

(3) Kull ħatra ta' wara għal dik il-kariga għandha ssir mill-Gvernatur wara li jikkonsulta lill-Kunsill.

**Funzjonijiet tas-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill.**

**40.** Is-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill ikun l-uffiċjal amministrattiv prinċipali tal-Kunsill u għandu, b'żieda għal dawk il-funzjonijiet li huma maħsuba band'oħra f'din l-Ordinanza, ikollu l-funzjonijiet speċifikati fil-Ħames Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza.

**Assenza jew inkapaċità temporanja tas-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill**

**41.** (1) Mita s-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill ikun temporanjament assenti minn Malta jew xort'oħra jkun temporanjament inkapaċitat milli jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-Gvernatur jista' jaħtar persuna oħra li tkun persuna b'kariga pensjonabbli mal-Gvern, biex taġixxi bħala Segretarju u Teżorier tal-Kunsill matul dak il-perijodu ta' assenza jew inkapaċità.

(2) Persuna maħtura skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha taqdi l-funzjonijiet tas-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill mid-data tal-ħatra tagħha.

**Il-Gvernatur jista' jaħtar uffiċjali oħra tal-Kunsill**

**42.** Il-Gvernatur jista', wara li jikkonsulta lill-Kunsill, jaħtar persuni oħra xierqa, li jkunu persuni b'kariga pensjonabbli mal-Gvern, bħala uffiċjali tal-Kunsill, b'dak is-salarju u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Gvernatur jiddeċidi.

**Setgħat tal-Gvernatur li jibgħat uffiċjali pensjonabbli tal-Gvern għal xogħol mal-Kunsill.**

**43.** (1) Il-Gvernatur jista' jordna li persuni b'kariga pensjonabbli mal-Gvern u li jkunu f'dak iż-żmien jesegwixxu dmirijiet jew jaqdu funzjonijiet dwar xi oġġett jew servizz li għat-tiżmim u manutenzjoni tiegħu l-Kunsill għandu dmir jew setgħa li jipprovdi skond din l-Ordinanza, jiġu dettaljati għal xogħol mal-Kunsill in konnessjoni ma' dak l-oġġett jew servizz.

(2) Il-Gvernatur jista' jordna wkoll li persuni b'kariga pensjonabbli mal-Gvern ikunu dettaljati għal xogħol mal-Kunsill in konnessjoni ma' kull ħaġa oħra li dwarha l-Kunsill għandu xi funzjonijiet li jaqdi skond din l-Ordinanza.

**Impjegati mhux pensjonabbli tal-Gvern jistgħu jiġu dettaljati għal xogħol mal-Kunsill.**

**44.** Il-Gvernatur jista' jordna li sabiex il-Kunsill ikun jista' jaqdi xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu skond din l-Ordinanza kull impjegat mhux pensjonabbli tal-Gvern ikun dettaljat għal servizz mal-Kunsill.

**45.** (1) Mita uffiċjal pensjonabbli jew impjegat mhux pensjonabbli tal-Gvern ikun dettaljat għal xogħol mal-Kunsill skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, dak l-uffiċjal jew impjegat għandu waqt iż-żmien li jkun hekk dettaljat ikun taħt l-awtorità jew kontroll tal-Kunsill iżda huwa għandu — Status ta' uffiċjali u impjegati tal-Gvern dettaljati għal xogħol mal-Kunsill.

(a) jibqa' dwar id-dmirijiet tiegħu mal-Kunsill uffiċjal jew impjegat pubbliku għall-finijiet kollha tal-liġi; u

(b) mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-paragrafu ta' qabel, ikollu dritt li jkollu s-servizz tiegħu mal-Kunsill meqjus bħala servizz mal-Gvern għall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u ta' kull gratifikazzjoni jew dritt jew privileġġ ieħor li għalihom kien ikollu dritt, u suġġett għal kull obbligu jew risponsabbiltà li għalihom kien ikun suġġett li ma kienx għall-fatt li huwa ġie dettaljat għal xogħol mal-Kunsill. Cap. 143.

(2) Uffiċjal jew impjegat dettaljat għal xogħol mal-Kunsill kif intqal qabel ma għandux matul iż-żmien li jkun hekk dettaljat jirċievi rata ta' salarju jew ta' paga ogħla jew iżgħar minn dik li kien jirċievi, jew jiġi impjegat taħt kondizzjonijiet differenti minn dawk li kienu japplikaw għalih li kieku ma kienx ġie dettaljat għal xogħol mal-Kunsill.

## TAQSIMA V

### Disposizzjonijiet Finanzjarji

**46.** Għandu jkun hemm u qiegħed jiġi hawnhekk imwaqqaf fond, li jissejjaħ il-Fond ta' Dħul tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond tad-Dħul") li jkun jikkonsisti mill-flejjes riċevuti mill- jew li għandhom jitħallsu lill-Kunsill kif maħsub b'din it-Taqsima, u għandu, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ikun taħt il-kontroll tal-Kunsill. Twaqqif tal-Fond tad-Dħul tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.

**47.** (1) Il-Kunsill għandu jħallas direttament fil-Fond tad-Dħul il-flejjes kollha msemmija fit-Taqsima I tas-Sitt Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza li jiġu riċevuti mill-Kunsill. Fondi li għandhom jitħallsu fil-Fond tad-Dħul.

(2) Il-flejjes speċifikati fit-Taqsima II tas-Sitt Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza għandhom jiġu trasferiti mill-Fond Konsolidat tad-Dħul lill-Kunsill mingħajr ebda approprjazzjoni oħra ħlief din l-Ordinanza u għandhom, mita jiġu mħallsa lill-Kunsill, jitħallsu mill-Kunsill fil-Fond tad-Dħul.

(3) L-ammonti ta' dawk il-flejjes li huma msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandhom jiġu aċċertati u deċiżi finalment u konklużivament mill-Gvernatur.

(4) Il-Gvernatur jista', mingħajr ebda approprjazzjoni oħra ħlief din l-Ordinanza, jagħmel avvanzi lill-Kunsill mill-Fond Konsolidat tad-Dħul ta' somom ta' mhux iżjed fit-total minn għoxrin elf lira f'kull sena waħda finanzjarja b'antiċipu tad-dħul li jinġabar mill-Kunsill f'dik is-sena finanzjarja:

Iżda kull avvanz bħal dan għandu jitħallas lura qabel ma ttemm is-sena finanzjarja li fiha jkun sar l-istess avvanz lill-Kunsill.

(5) Is-salarji tal-persunal u n-nefqat, drittijiet u spejjeż oħra magħmula kif imiss mill-Kunsill għall-ġbir u t-tmexxija tal-partiti tad-dħul li jinġabru fil-Fond tad-Dħul jew li dwarhom il-Kunsill għandu jikseb xi risponsabbiltà sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu skond din l-Ordinanza, għandhom, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ikunu ħlas mill-Fond tad-Dħul.

*Il-budget għandu jibbilanċja minnu n-nifsu.*

**48.** F'kull sena finanzjarja, id-dħul u l-ħruġ ordinarju u rikorrenti dwar kull ħaġa li għaliha l-Kunsill għandu xi funzjonijiet skond din l-Ordinanza għandhom ikunu bilanċjati minnhom in-nifishom, u ebda provdiment għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi ma għandu jsir mill-Kunsill li ma jkunx jista' jitħallas mid-dħul tal-Kunsill.

*Fond ta' Riżerva tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.*

**49.** (1) Il-Kunsill għandu jkollu fond ta' riżerva li jissejjaħ il-Fond ta' Riżerva tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond ta' Riżerva") li fih għandu jiġi akkreditat kull dħul żejjed miġbur minn għejjun ordinarji u rikorrenti sakemm tiġi mwaqqfa riżerva ta' mhux inqas minn għaxart elef lira.

(2) Ebda flejjes ma għandhom jitħallsu mill-Fond ta' Riżerva mingħajr l-approvazzjoni speċifika tal-Gvernatur.

(3) Sakemm jiġi mwaqqaf dan il-Fond ta' Riżerva ta' għaxart elef lira, il-Kunsill jista' jissottometti applikazzjoni lill-Gvernatur għal għoti ta' għajnuna mid-dħul ġenerali ta' Malta ta' mhux iżjed minn elfejn lira f'kull sena finanzjarja biex il-Kunsill ikun jista' jħallas l-eċċess ta' l-ispiża ordinarja u rikorrenti fuq id-dħul, kemm-il-darba somma daqs l-għoti ta' għajnuna mitluba tkun ġiet mgħoddija mill-Kunsill matul dik is-sena finanzjarja għak-kreditu tal-Fond ta' Riżerva.

*Irtir ta' flejjes mill-Fond tad-Dħul jitħtieġ il-warrant tal-Gvernatur*

**50.** Ebda flejjes ma għandhom jiġu rtirati mill-Fond tad-Dħul tal-Kunsill ħlief bl-awtorità ta' *warrant* minn idejn il-Gvernatur u ebda *warrant* bħal dan ma għandu jinħareġ sabiex titħallas xi spiża kemm-il-darba dik l-ispiża ma tkunx addebitata lill-Fond **tad-Dħul** minn xi disposizzjoni ta' din l-Ordinanza jew ta' xi liġi oħra.

*Ħlas f'bank ta' flejjes riċevuti mill-Kunsill.*

**51.** (1) Il-flejjes riċevuti mill-Kunsill jistgħu jinżammu f'dak il-bank jew banek jew jiġu mqegħda ma' l-Aġenti tal-Kuruna għall-Gvernijiet u Amministrazzjonijiet 'l hemm mill-Ibħra kif il-Kunsill bl-approvazzjoni tal-Gvernatur jista' jiddeċidi.

(2) Is-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill għandu kull jum, safejn ikun prattikabbli, iħallas f'dak il-bank jew banek il-flejjes kollha riċevuti minnu qabel il-ħin ta' l-egħluq ta' dak il-bank jew banek.

*Estimi ta' budget ordinarju*

**52.** (1) Il-Kunsill għandu, fil jew qabel il-wieħed u tletin ġurnata ta' Ottubru ta' kull sena, jipprepara u jissottometti lill-Gvernatur għall-approvazzjoni estimi dettaljati tad-dħul rikorrenti u ordinarji u ta' l-ispiża rikorrenti u ordinarja matul is-sena finanzjarja li taħbat sew sew wara u l-Gvernatur jista' jagħmel dawk l-emendi fihom li jistgħu jidhrulu xierqa:

Iżda, dwar is-sena finanzjarja 1961-62 dawn l-estimi għandhom jiġu sottomessi mill-Kunsill kif intqal qabel egħluq xahar wara l-elezzjoni tiegħu.

(2) Ebda flejjes ma għandhom jintefqu mill-Kunsill ħlief skond dawn l-estimi li jkunu approvati mill-Gvernatur skond dan l-artikolu.

(3) Il-Kunsill jista' minn żmien għal żmien jissottometti estimi ta' spiża supplementari lill-Gvernatur għall-approvazzjoni kif intqal qabel.

(4) Il-Kunsill jista', bl-approvazzjoni tal-Gvernatur murija b'*virement* minn idejh, f'kull żmien matul is-sena finanzjara jutilizza kull tifdil taħt xi *head* jew *subhead* ta' spiża ordinarja u rikorrenti f'dawk l-estimi kif intqal qabel sabiex jilqa' xi eċċess skond xi *head* jew *subhead* ieħor ta' dik l-ispiża ordinarja u rikorrenti.

(5) Dwar xi parti minn sena finanzjarja, li ma tkun fl-ebda każ iżjed minn perijodu ta' tliet xhur, li tista' tkun għaddiet qabel ma l-Gvernatur ikun ta l-approvazzjoni tiegħu ta' l-estimi għal dik is-sena, il-Kunsill ikun jista', bl-approvazzjoni tal-Gvernatur, jonfoq provvizorjament f'kull xahar, dwar kull ħaġa, kull somma li ma tkunx iżjed minn minn wieħed tnax ta' l-estimi approvati għal xogħol, servizzi jew salarji simili fis-sena finanzjarja ta' qabel.

*Estimi ta' xogħlijiet jew servizzi mhux rikorrenti.*

53. Il-Kunsill għandu, fil jew qabel it-tletin ġurnata ta' Settembru ta' kull sena, jipprepara u jissottometti lill-Gvernatur estimi tax-xogħlijiet u servizzi kollha mhux ta' xorta rikorrenti, fl-inkwadratura ta' xi pjan ta' żvilupp għal Malta li jista' jkun approvat minn żmien għal żmien mill-Gvern, biex jiġu inkorporati fin-Nefqa Kapitali għal Malta biex tiġi finanzjata mid-dħul ġenerali u fondi oħra tal-Gvern matul is-sena finanzjarja li taħbat sew sew wara, u l-Gvernatur jista' jagħmel dawk l-emendi fihom li jidhrulu xierqa u ebda somom ma għandhom jintefqu ħlief kif maħsub f'dawk l-estimi kif approvati mill-Gvernatur dwar in-Nefqa Kapitali għal Malta:

Iżda l-Kunsill jista', fil jew qabel it-tletin ġurnata ta' Ġunju ta' kull sena, jagħmel rikmandazzjonijiet lill-Gvernatur dwar xogħlijiet u servizzi ta' xorta mhux rikorrenti, li ma jkunux fl-inkwadratura ta' xi proġett ta' żvilupp kif intqal jabel, għall-inkorporazzjoni fin-Nefqa Kapitali għal Malta għas-sena finanzjarja li taħbat sew sew wara.

*Estimi riveduti.*

54. Meta f'xi sena finanzjarja jkun jidher lill-Gvernatur li jkun meħtieġ, il-Kunsill għandu, jekk hekk meħtieġ, jipprepara estimi riveduti ta' dħul u spiża dwar dik is-sena u d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 52 u 53 għandhom jgħoddu *mutatis mutandis* għal dawk l-estimi riveduti.

*Awtorità għal nefqa fuq divertimenti.*

55. Il-Kunsill jista' jonfoq f'kull sena waħda finanzjarja somma ta' mhux iżjed minn mitt lira għal riċeviment u divertiment pubbliku ta' viżitaturi distinti u f'dawk l-okkażżjonijiet l-oħra li l-Kunsill jidhirlu xieraq għal divertiment uffiċjali.

*Konsulent Legali tal-Kunsill.*

56. Il-Kunsill jista' jonfoq f'kull sena waħda finanzjarja somma ta' mhux iżjed minn mitt lira jew dik is-somma l-oħra li l-Gvernatur jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi bħala ħlas għas-servizzi ta' dak il-konsulent legali tal-Kunsill li l-Kunsill jista' jqabbad.

*Vouchers għal ħlas u cheques*

57. (1) Is-Segretarju u Teżorier għandu jara li jsiru *vouchers* tal-ħlasijiet kollha li jsiru mill-fondi tal-Kunsill.

(2) Huwa jkun risponsabbli għal dawk il-*vouchers* kollha u għall-korrettezza tagħhom u għandu jiffirma l-*vouchers* kollha.

(3) Huwa għandu wkoll jiffirma ċ-*cheques* kollha maħruġa kontra xi kont bankarju tal-Kunsill u għandu jikseb il-kontro-firma tal-President jew Viċi-President tal-Kunsill fuqhom.

**Għamla ta' kontijiet u verifika.**

**58.** (1) Il-Kunsill għandu jżomm il-kontijiet tiegħu f'dik l-għamla li tkun taqbel ma' l-estimi tas-sena u b'dak il-mod bħallikieku l-Kunsill kien Dipartiment tal-Gvern.

(2) Il-Kunsill għandu jara li kont separat u distint, li għandu jissejjaħ il-Kont Kapitali, jinżamm dwar ir-riċevuti u dwar il-ħruġ kollu tal-flejjes kollha li jistgħu jingħataw lill-Kunsill minn flejjes provduti mill-Gvernatur mid-dħul ġenerali tal-Gvern u dwar dawk il-flejjes l-oħra kollha li għandhom jitħallsu lill-Kunsill jew li jiġu fil-pussess jew kontroll tal-Kunsill u li jkunu applikabbli għall-kostruzzjoni, xiri jew ksib xort'oħra ta' xi xogħol pubbliku jew għall-provdiment ta' proġetti oħra ta' żvilupp.

(3) Il-kontijiet tal-Kunsill ikunu suġġetti għall verifika mid-Direttur ta' Verifika dwar kollox bħallikieku l-Kunsill kien Dipartiment tal-Gvern.

(4) Qabel l-ewwel ġurnata ta' Lulju ta' kull sena, il-Kunsill għandu jipprepara u jikkonsenja lid-Direttur ta' Vertifika astratt ta' kull kont hawnhekk meħtieġ li jinżamm li jkollu l-ammont tad-dħul u nefqa f'kull wieħed minn dawn il-kontijiet dwar l-aħħar sena finanzjarja ta' qabel flimkien mal-Karta tal-Bilanċ Ġenerali kif tkun f'dik id-data.

(5) Id-Direttur ta' Verifika għandu jibgħat astratt tal-kontijiet ċertifikat kif imiss lill-Kunsill u astratt ieħor ċertifikat kif imiss lill-Gvernatur.

**Setgħa ta' twaħħil.**

**59.** Id-Direttur ta' Verifika għandu —

(a) jiċħad kull partita ta' kont li jkun kuntrarju għad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' xi liġi oħra;

(b) iwaħħal l-ammont ta' kull spiża miċħuda fuq il-persuna risponsabbli għall-egħmil jew awtorizzazzjoni ta' l-ispiża:

Iżda ma għandhiex issir twaħħila skond dan l-artikolu fuq uffiċjal tal-Kunsill minħabba biss li jkun iffirma *cheque* jew ikun ta ordni dwar xi spiża miċħuda kif intqal qabel jekk jissoddisfa lill-Gvernatur illi qabel ma iffirma ċ-*cheque* jew qabel ma ta l-ordni huwa kkonsulta lill-President jew Viċi-President tal-Kunsill bil-miktub illi fil-fehma tiegħu l-ħlas kien illegali:

Iżda wkoll illi fil-każ ta' twaħħila, il-persuna mwaħħla tista' tissottometti lill-Gvernatur, permezz tal-Kunsill ta' Għawdex, rappreżentanzi illi dwar is-suġġett tat-twaħħila hija aġixxiet raġonevolment jew fil-fehma illi l-egħmil tagħha kien awtorizzat bil-liġi, u l-Gvernatur, jekk ikun soddisfatt li jkun hemm raġuni tajba biex jagħmel hekk, jista' jeħles lil dik il-persuna sew għal kollox sew f'parti mir-risponsabbiltà personali dwar it-twaħħila u d-deċiżjoni tal-Gvernatur skond dan l-artikolu tkun finali.

**Avvanzi temporanji lill-Kunsill.**

**60.** Il-Kunsill jista', bl-approvazzjoni tal-Gvernatur, minn żmien għal żmien, jissellef bħala avvanz temporanju dik is-somma ta' flus li jidhirlu xierqa biex iħallas nefqiet imdaħħla fl-estimi approvati li għandhom jitħallsu mid-dħul ordinarju u rikorrenti tal-Kunsill; u jista', bl-istess approvazzjoni, jidħol f'arranġamenti mal-*manager* ta' xi bank li miegħu jkollu kont kurrent biex jippermetti lill-Kunsill biex jirtira aktar mill-kont sa dak l-ammont li jista', f'kull każ, ikun speċifikat f'dik l-approvazzjoni:

Iżda avvanz bħal dan għandu jitħallas lura qabel ma ttemm is-sena finanzjarja li fiha l-istess ikun sar mill-Kunsill.

61. Il-Kunsill ikun jista' japplika dik il-parti tad-dħul tiegħu ordinarju jew rikorrenti li jista' jiħtieġ biex tagħti seħħ għall-pattijiet u kondizzjonijiet ta' kull approvazzjoni mogħtija mill-Gvernatur skond din l-Ordinanza fil-ħlas jew għall-ħlas tal-kapital ta' xi self jew imgħax fuqu jew kemm tal-kapital u kemm ta' l-imgħax.

Setgħa li japplika dħul ordinarju u rikorrenti fil-ħlas lura jew għall-ħlas lura ta' self.

## TAQSIMA VI

### DISPOSIZZJONIJIET MIXXELLANJI

62. Ħlief kif maħsub xort'oħra espressament, ebda ħaġa f'din l-Ordinanza ma għandha tippreġudika xi artijiet, dritt, setgħa, privileġġ jew eżenzjoni tal-Kuruna.

Drittijiet tal-Kuruna.

63. (1) B'dak kollu li jinsab f'din l-Ordinanza u mingħajr ħsara għal kull rimedju ieħor li jista' jittieħed, jekk f'xi żmien il-Gvernatur ikun tal-fehma illi l-Kunsill ma jkunx għadu jaqdi l-funzjonijiet tiegħu skond din l-Ordinanza b'mod li jġib il-ġid ta' Għawdex, il-Gvernatur jista' b'ordni jxolji l-Kunsill u l-kumitat distrettwali u --

Setgħat tal-Gvernatur jekk il-Kunsill jonqos li jaqdi kif jixraq il-funzjonijiet tiegħu.

(a) joħroġ *writ* minn idejh għal elezzjoni ta' membri ta' kumitati distrettwali u ta' kunsill ġdid; jew

(b) jaħtar Kumitat ta' Tmexxija għal Għawdex li għandu, matul it-tkomplija ta' dik il-ħatra, jaqdi l-funzjonijiet tal-Kunsill skond din l-Ordinanza.

(2) Ordni skond dan l-artikolu jista' jipprovdi illi, jekk kumitati distrettwali u Kunsill għandhom ikunu eletti mill-ġdid, għandhom iżommu l-kariga għaż-żmien li matulu l-Kunsill u l-kumitati distrettwali xolti bl-ordni kienu jkomplu jżommu l-kariga kieku ma kienx għal dak l-ordni.

64. Il-Gvernatur jista' minn żmien għal żmien b'ordni jżid, ibiddel jew jemenda d-disposizzjonijiet li hemm fl-Ewwel, fit-Tieni, fit-Tielet, fir-Raba', fil-Ħames u fis-Sitt Skeda li jinsabu ma' din l-Ordinanza.

Setgħa ta' bdil

65. (1) Ikun dmir tal-Kunsill u ta' l-uffiċjali tiegħu li jagħtu lill-Kummissarju għal Għawdex dak it-tagħrif li jista' jiħtieġ dwar il-funzjonijiet tagħhom skond din l-Ordinanza jew xi Ordinanza oħra.

Għoti ta' tagħrif.

(2) Il-Kummissarju għal Għawdex jista', fuq talba tal-Kunsill, jagħti lill-Kunsill dak it-tagħrif li l-Kummissarju jidhirlu meħtieġ biex il-Kunsill ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu skond din l-Ordinanza jew kull Ordinanza oħra.

66. (1) Rappreżentanti ta' l-istampa jkunu jistgħu jidħlu għal-laqgħat tal-Kunsill:

Dħul ta' l-istampa għal laqgħat tal-Kunsill.

Iżda l-Kunsill jista' b'riżoluzzjoni jeskludi lil dawn ir-rappreżentanti minn laqgħa sħiħa jew minn parti minnha mita fil-fehma tal-maġġoranza tal-kunsulieri preżenti fil-laqgħa dik l-esklużjoni tkun konsiljabbli minħabba x-xorta speċjali tax-xogħol li jkun qed jiġi jew ser jiġi trattat.

(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tipprojbixxi kumitat tal-Kunsill jew kumitat distrettwali milli jdaħħal rappreżentanti ta' l-istampa għal-laqgħat tiegħu.

(3) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tipprojbixxi lill-Kunsill, jew kumitat tal-Kunsill jew kumitat distrettwali milli jdaħħal lill-pubbliku għal-laqgħat tiegħu.

*Eżenzjoni mit-taxxa tal-boll u mit-taxxa fuq l-income. Cap. 68.*

**67.** (1) Ebda taxxa tal-boll ma għandha tithallas mill-Kunsill dwar xi dokument, kitba, stampat jew reġistru li fuqhom, kieku ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kien ikollha titħallas taxxa mill-Kunsill skond l Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll.

*Att Nru. LIV ta' l-1948.*

(2) L-*income* tal-Kunsill għandu jkun eżenti mill-ħlas tat-taxxa skond l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

# SKEDI

## L-EWWEL SKEDA

Artikolu 11

### ORDNIJIET PERMANENTI

*L-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara l-elezzjoni.*

1. L-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara elezzjoni ordinarja tal-kunsulieri skond din l-Ordinanza għandha tissejjaħ mis-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill f'dik il-ġurnata, li tkun ġurnata egħluq tmint ijiem mill-bidu taż-żmien tal-kariga tal-kunsulieri eletti ġodda, u f'dak il-post u ħin li jaħtar għal dak l-iskop, u f'dik il-laqgħa l-Kunsill għandu jaħtar wieħed mill-kunsulieri biex jippresjedi sakemm jiġi elett il-President tal-Kunsill.

*Laqgħat għandhom jinżammu għall-anqas kull xahar.*

2. Il-Kunsill għandu jiltaqa' għat-tmexxija tax-xogħol spiss kemm jidhirlu xieraq, li ma jkunx anqas minn darba fix-xahar.

*Post u ħin tal-laqgħa.*

3. Ħlief kif maħsub xort'oħra f'din l-Iskeda, il-laqgħat tal-Kunsill għandhom jinżammu f'dak il-post u ħin kif il-Kunsill jista' jistabbilixxi għal hekk.

*Sejħa ta' laqgħat.*

4. (1) Il-President tal-Kunsill jista' jsejjaħ laqgħa tal-Kunsill f'kull żmien.

(2) Jekk il-President jiċħad li jsejjaħ laqgħa tal-Kunsill wara talba għal hekk iffirmata minn erba' kunsulieri tkun ġiet preżentata lilu, jew jekk, mingħajr ma hekk jiċħad, il-President ma jsejjaħx laqgħa egħluq sebat ijiem wara li din it-talba tkun ġiet preżentata lilu, kull erba' kunsulieri jistgħu minnufih isejħu laqgħa tal-Kunsill.

(3) Mill-anqas tlit ijiem utili qabel laqgħa tal-Kunsill avviż biex jattendi laqgħa, li jispeċifika x-xogħol maħsub li jsir fiha, u ffirmat mis-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill, għandu jitħalla jew jintbgħat bil-posta fil-post ta' residenza tas-soltu ta' kull kunsulier:

Iżda nuqqas ta' notifika ta' l-avviż lil xi kunsulier ma għandux jolqot il-validita' ta' laqgħa.

(4) Ħlief fil-każ ta' xogħol meħtieġ b'din l-Ordinanza li għandu jsir f'laqgħa speċifikata tal-Kunsill, ebda xogħol ma għandu jsir f'laqgħa tal-Kunsill ħlief dak imsemmi fl-avviż dwarha.

*Chairman ta' laqgħa*

5. (1) F'laqgħa tal-Kunsill il-President tal-Kunsill, jekk ikun preżenti, għandu jippresjedi.

(2) Jekk il-President tal-Kunsill ikun assenti minn laqgħa tal-Kunsill, il-Viċi-President tal-Kunsill, jekk ikun preżenti, għandu jippresjedi.

(3) Jekk kemm il-President u kemm il-Viċi-President tal-Kunsill ikunu assenti minn laqgħa tal-Kunsill, dak il-kunsulier li l-kunsulieri preżenti jagħżlu għandu jippresjedi.

6. Ma għandu jsir ebda xogħol f'laqgħa tal-Kunsill jekk ma jkunx hemm preżenti fiha mill-anqas tmien kunsulieri. *Quorum.*

7. (1) Kull kwistjoni li tinġieb jew titqanqal quddiem il-Kunsill għandha tiġi deċiża bil-voti tal-maġġoranza ta' dawk preżenti u li jivvotaw fuqha. Deċiżjoni fuq kwistjonijiet.

(2) Fil-każ ta' voti ndaqs il-persuna li tippresjedi fil-laqgħa jkollha vot ieħor jew vot deċiżiv.

8. L-ismijiet tal-kunsulieri preżenti f'laqgħa tal-Kunsill għandhom jiġu reġistrati. Reġistrazzjoni tal-kunsulieri preżenti.

9. Il-mod ta' votazzjoni f'laqgħat tal-Kunsill għandu jkun b'wiri ta' idejn, u fuq talba ta' xi kunsulier preżenti l-votazzjoni fuq kull kwistjoni għandha tiġi reġistrata sabiex turi jekk kull kunsulier preżenti u li jkun ivvota jkunx ta l-vot tiegħu favur jew kontra l-kwistjoni. Mod ta' votazzjoni.

10. Għandhom jinkitbu minuti dwar il-proċeduri ta' laqgħa tal-Kunsill, jew ta' kumitat tiegħu, u jitniżżlu fi ktieb miżmum għal hekk u għandhom jiġu sottomessi għall-approvazzjoni fl-ewwel laqgħa ta' wara tal-Kunsill jew kumitat tal-Kunsill, skond il-każ, u għandhom jiġu ffirmati mill-persuna li tippresjedi l-laqgħa li tapprovahom. Minuti.

11. (1) Jekk membru tal-Kunsill jew ta' xi kumitat tiegħu jkollu xi interess pekunjarju, dirett jew indirett, f'xi kuntratt jew kuntratt propost jew xi ħaġa oħra, u jkun preżenti f'laqgħa tal-Kunsill jew ta' xi kumitat tiegħu li fiha dan il-kuntratt jew ħaġa tkun is-suġġett li qed jiġi kunsidrat, huwa għandu kemm jista' jkun malajr wara l-bidu tagħha, juri x-xorta ta' l-interess tiegħu: Inkapaċità minħabba interess f'kuntratti, eċċ.

Iżda dan is-sub-paragrafu ma jgħoddx għal xi interess li jista' jkollu membru sempliċement bħala wieħed li jħallas ir-rati jew bħala abitant ta' Għawdex.

(2) Kull wirja magħmula skond is-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandha tiġi reġistrata fil-minuti u l-membru —

(a) ma għandux jieħu parti wara l-wirja f'xi diskussjoni jew deċiżjoni tal-Kunsill jew kumitat tiegħu dwar il-kuntratt jew il-ħaġa oħra;

(b) ma għandux jittieħed każ tiegħu għall-iskop tal-*quorum* tal-Kunsill jew tal-kumitat tiegħu fuq xi diskussjoni jew deċiżjoni bħal dik.

(3) Jekk xi persuna tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu, teħel għal kull reat mita tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħamsin lira, kemm-il-darba ma tipprovax li ma kinitx taf li kuntratt, kuntratt propost jew ħaġa oħra li fiha kellha interess pekunjarju kien is-suġġett li ser ikun ikkunsidrat fil-laqgħa.

(4) Ma għandhomx jittieħdu proċeduri skond dan il-paragrafu ħlief bil-kunsens ta' l-Attorney-General.

12. (1) Ebda xogħol ma għandu jsir f'laqgħa ta' kumitat tal-Kunsill kemm-il-darba ma jkunx hemm preżenti mill-anqas tliet membri tal-kumitat. Proċeduri tal-kumitati tal-Kunsill.

(2) Kull kwistjoni li tinġieb jew li titqanqal quddiem kumitat tal-Kunsill għandu jiġi votat fuqha u deċiża bl-istess mod bħal f'laqgħa tal-Kunsill, ħlief li kull kwistjoni li fuqha jkun hemm voti ndaqs għandha tittieħed li ġiet deċiża fin-negattiv.

(3) Għandhom jinkitbu minuti tal-proċeduri ta' laqgħa ta' kumitat tal-Kunsill u jitniżżlu fi ktieb miżmum għal hekk u għandhom jiġu sottomessi għall-approvazzjoni u iffirmati bl-istess mod bħall-minuti tal-proċeduri ta' laqgħa tal-Kunsill.

(4) Il-minuti msemmija fl-aħħar sub-paragrafu li jaħbat sew sew qabel dan għandhom jiġu kumnikati lill-Kunsill fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara l-approvazzjoni u l-firma tagħhom.

Rappreżentanza legali tal-Kunsill.

13. (1) Ir-rappreżentanza legali tal-Kunsill tkun fis-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill.

(2) Kull liċenza, permess jew awtorità oħra li l-Kunsill, fl-esekuzzjoni tal-funzjoni tiegħu skond din l-Ordinanza, jista' jiħtieġ minn żmien għal żmien skond xi liġi għandha tinħareġ fl-isem tas-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill.

Dokumenti tal-Kunsill.

14. Kull dokument li juri li jkun dokument magħmul jew maħruġ mill-Kunsill u li jkun iffirmat mill-President tal-Kunsill u mis-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill jista' jiġi riċevut bħala prova u għandu, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju, jitqies li jkun dokument magħmul jew maħruġ mill-Kunsill.

## IT-TIENI SKEDA

Artikolu 12

### Distretti ta' Votazzjoni

1. Ir Rabat
2. Fontana
3. Għajnsielem (magħdud l-Imġarr u Kemmuna)
4. L-Għarb
5. L-Għasri
6. Kerċem
7. Il-Munxar (magħduda parti mix-Xlendi)
8. In-Nadur
9. Il-Qala
10. San Lawrenz
11. Sannat
12. Ix-Xagħra (magħduda parti minn Marsalforn)
13. Ix-Xewkija
14. Iż-Żebbuġ (magħduda parti minn Marsalforn).

## IT-TIELET SKEDA

Artikolu 23

### Regolamenti ta' l-1961 dwar l-Elezzjonijiet tal-Gvern Lokali ta' Għawdex

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1961 dwar l-Elezzjonijiet tal-Gvern Lokali ta' Għawdex.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti l-frażi "elezzjoni", kemm-il-darba r-rabta tal-kliem ma tfissirx xort'oħra, għandha titqies li tinkludi kull elezzjoni ta' membri ta' kumitati distrettwali u ta' kunsulieri għal kariga fil-Kunsill.

Ħatra ta' Kummissjonarji Elettorali.
Cap. 163.

3. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti elezzjoni għandha titmexxa minn Kummissjoni li tkun magħmula minn erba' Kummissjonarji Elettorali, wieħed minnhom ikun l-Uffiċjal Elettorali Prinċipali maħtur skond l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar il-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet.

(2) L-Uffiċjal Elettorali Prinċipali għandu jkun iċ-*chairman* tal-Kummissjoni u għandu jippresjedi fil-laqgħat tagħha:

Iżda kull mita l-Uffiċjal Elettorali Prinċipali jkun assenti minn laqgħa, il-Kummissjonarji Elettorali preżenti għandhom jaħtru wieħed mill-membri tagħhom biex jippresjedi f'dik il-laqgħa.

(3) Il-Kummissjonarji Elettorali minbarra l-Uffiċjal Elettorali Prinċipali jiġu maħtura ta' kull sena mill-Gvernatur u ż-żmien tal-kariga tagħhom jispiċċa fil-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jkunu maħtura:

Iżda jekk f'dik il-ġurnata tkun qiegħda ssir elezzjoni ż-żmien tal-kariga tal-Kummissjonarji Elettorali jiġi mtawwal sa mita tispiċċa l-elezzjoni u, f'dak il-każ, il-Kummissjonarji Elettorali ġodda jidħlu fil-kariga kif tispiċċa dik l-elezzjoni:

Iżda wkoll li Kummissjonarju Elettorali illi ż-żmien tal-kariga tiegħu jkun għalaq jista' jiġi maħtur mill-ġdid.

Mewt jew riżenja ta' Kummissjonarju Elettorali.

4. Jekk Kummissjonarju Elettorali jmut jew jirriżenja mill-kariga tiegħu, jew isir inkapaċi li jesegwixxi d-dmirijiet tal-kariga tiegħu, il-Gvernatur għandu jaħtar ieħor minfloku:

Iżda l-proċeduri ta' l-elezzjonijiet ma għandhomx jiġu mwaqqfa bil-mewt jew riżenja jew inkapaċità ta' wieħed mill-Kummissjonarji Elettorali, l-anqas ma jkun meħtieġ, jekk jiġu maħtura Kummissjonarji ġodda flok oħrajn, illi jerġgħu jsiru mill-ġdid proċeduri li jkunu saru skond il-liġi, sakemm ikun hemm żewġ Kummissjonarji Elettorali kapaċi biex jesegwixxu d-dmirijiet tagħhom.

Ġuramenti li għandhom jittieħdu mill-Kummissjonarji.
Cap. 15.

5. Kull Kummissjonarju Elettorali għandu mita jiġi maħtur jieħu quddiem l-Attorney-General il-ġurament ta' fedeltà skond il-formula preskritta fl-artikolu 10 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-ġurament tal-kariga preskritt fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, ħlief li fil-każ ta' l-Uffiċjal Elettorali Prinċipali dan l-isem għandu jidħol minflok il-kliem "Kummissjonarju Elettorali" fuq dik il-formula:

Cap. 163.

Iżda jekk Kummissjonarju Elettorali jkun ħa mita jiġi maħtur dak il-ġurament ta' fedeltà kif intqal qabel għall-finijiet ta' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni, huwa jkun eżenti milli jerġgħa jieħu l-istess ġurament għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll illi min jkollu l-kariga ta' Uffiċjal Elettorali Prinċipali fid-data li fiha dawn ir-regolamenti jiġu fis-seħħ għandu jieħu kif intqal qabel dak il-ġurament tal-kariga qabel ma jaqdi xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu preparatorji għal jew in konnessjoni mat-tiżmim ta' l-ewwel elezzjoni skond dawn ir-regolamenti.

Il-Kummissjonarji Elettorali jiddeċidu b'maġġoranza ta' voti.

6. Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jiddeċiedu l-kwistjonijiet kollha li jistgħu jinġiebu jew jinqalgħu quddiemhom b'maġġoranza ta' voti u fil-każ ta' voti ndaqs iċ-*chairman* ikollu vot ieħor jew vot deċiżiv.

*Quorum.*

7. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li jipprovdu illi kull funzjoni tal-Kummissjonarji Elettorali jistgħu jsiru

minn numru iżgħar, ebda xogħol ma għandu jsir f'xi laqgħa tal-Kummissjonarji Elettorali kemm-il-darba ma jkunx hemm preżenti tlieta mill-Kummissjonarji Elettorali.

Setgħat tal-Kummissjonarji Elettorali.

Ordinanza Nru. XI ta' l-1961.

8. (1) Fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom il-Kummissjonarji Elettorali għandhom, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, il-poteri kollha li jagħmlu dak kollu li jidhrilhom meħtieġ jew xieraq għat-tmexxija ta' elezzjoni, iżda ebda ħaġa ma għandha ssir minnhom kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza ta' l-1961 dwar il-Gvern Lokali ta' Għawdex.

(2) Fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom il-Kummissjonarji Elettorali għandhom is-setgħa mogħtija mil-liġi lill-Qrati tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja sabiex iżommu l-ordni fil-laqgħat tagħhom u jiżguraw il-qima li tistħoqq lilhom.

Setgħa tal-Gvernatur li joħroġ *writ* ta' elezzjoni.

9. (1) Kull mita tkun ser issir elezzjoni ta' membri ta' kumitati distrettwali, il-Gvernatur għandu jagħti avviż dwar hekk lill-Kummissjonarji Elettorali b'*writ* minn taħt idejh, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-*writ*", fil-formula murija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u kull *writ* bħal dan jista' jinħtieġ lill-Kummissjonarji Elettorali, wara kull elezzjoni bħal dik kif intqal qabel, biex imexxu l-elezzjoni ta' kunsulieri għal kariga fil-Kunsill.

(2) L-Uffiċjal Elettorali Prinċipali għandu jara li r-*writ* jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

Avviż li għandu jiġi pubblikat mill-Uffiċjal Elettorali Prinċipali.

10. Egħluq tnax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni tar-*writ* l-Uffiċjal Elettorali Prinċipali għandu jara li jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern —

(a) avviż li jispeċifika l-post (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ bħala "l-Uffiċċju tal-Kummissjonarji") f'Għawdex fejn, il-ġranet, li jkunu xi tlitt ijiem tax-xogħol wara sitt ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni ta' l-avviż, u l-ħinijiet li fihom il-Kummissjonarji Elettorali jkunu hemm biex jirċievu n-nomini ta' kandidati għall-elezzjoni bħala membri ta' kumitati distrettwali;

(b) avviż li jispeċifika l-postijiet (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa bħala "postijiet tal-votazzjoni") fejn, u l-ġurnata u l-ħinijiet li fihom tkun ser issir il-votazzjoni;

(ċ) avviż li jispeċifika l-post fejn il-kaxex tal-voti jkollhom jittieħdu wara li ssir il-votazzjoni u l-post fejn dawk il-kaxex għandhom jinżammu sa ma jingħaddu l-voti;

(d) avviż li jispeċifika l-post fejn, u l-ġurnata u l-ħin li fihom il-kaxex tal-voti jkun ser jinfetħu u jkun ser jibda l-għadd tal-voti.

Persuni li jkollhom dritt jivvotaw.

11. Il-persuni li jkollhom dritt jivvotaw f'elezzjoni ta' membri ta' kumitat distrettwali jkunu l-persuni li jkunu reġistrati bħala eletturi f'dik il-parti tar-reġistru elettorali li jirriferixxi għal distrett ta' votazzjoni li għalih dawk il-membri għandhom jiġu eletti:

Cap. 157.

Iżda ebda ħaġa f'dan ir-regolament ma jagħti dritt lil xi persuna li tivvota jekk tkun temmet milli jkollha l-kwalifiki meħtieġa mid-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Jedd għall-Vot, Metodu ta' l-Elezzjoni u Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi biex tkun hekk reġistrata, jew teħles lil dik il-persuna minn xi penalitajiet li tista' teħel jekk tivvota hekk.

12. (1) Eghluq ghoxrin ġurnata mill-pubblikazzjoni tar-*writ*, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jaraw li jiġi notifikat lil kull persuna li jkollha dritt tivvota avviż (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "avviż lill-eletturi") fil-formula murija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti: Avviż lill-eletturi.

Iżda kull mita l-Kummissjonarji Elettolari jkunu soddisfatti illi dik il-persuna tkun temmet milli jkollha l-kwalifiki msemmija fil-proviso ta' l-aħħar regolament li jaħbat sew sew qabel dan, huma ma għandhomx jibagħtulha l-avviż lill-eletturi.

(2) L-avviż lill-eletturi għandu jiġi notifikat lil kull elettur minn uffiċjal tal-pulizija jew minn persuna oħra maħtura għal-daqshekk mill-Uffiċjal Elettorali Prinċipali, u dan l-avviż jitqies li jkun ġie notifikat bil konsenja lill-persuna li għaliha jkun indirizzat jew lil persuna ta' l-età li tkun membru tal-familja tagħha jew tkun fl-impieg tagħha, fl-indirizz ta' l-elettur kif muri fir-reġistru elettorali.

(3) Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom, mill-aktar fis iżda f'kull każ mhux aktar tard minn sitt ijiem mill-iskadenza taż-żmien stabbilit fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jippubblikaw fil-Gazzetta tal-Gvern lista bl-isem, partikolaritajiet u indirizz ta' kull persuna li ma tkunx ġiet notifikata bl-avviż lill-eletturi, b'indikazzjoni tar-raġuni li għaliha ma tkunx saret in-notifika.

(4) Kull persuna li jkollha dritt tivvota skond dawn ir-regolamenti li ma tkunx ġiet notifikata bl-avviż lill-eletturi tista', wara li jgħaddi ż-żmien stabbilit fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament u sal-ġurnata minnufih qabel il-ġurnata tal-votazzjoni, tidher quddiem wieħed mill-Kummissjonarji Elettorali u jitlob il-konsenja ta' l-avviż lill-eletturi.

(5) Kull wieħed mill-Kummissjonarji Elettorali **jista' jeżamina** bil-ġurament kull persuna li tidher kif intqal qabel sabiex jivverifika l-identità tagħha u t-talba tagħha.

13. (1) Kull kandidat għal elezzjoni għall-postijiet ta' membru ta' kumitat distrettwali għandu jiġi nominat b'formula ta' nomina separata li għandha tkun skond dik murija fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Nomina ta' kandidat għall-elezzjoni f'kumitat distrettwali.

(2) Il-formula tan-nomina għandu jkollha l-ismijiet sħaħ, il-post tar-residenza u d-deskrizzjoni tal-kandidat.

(3) Id-deskrizzjoni ma għandhiex tirriferixxi għall-attivitajiet politiċi tal-kandidat, u ma hemmx bżonn li tirriferixxi għar-rank, professjoni jew sengħa tiegħu sakemm bil-partikolaritajiet l-oħra tal-kandidat ikun biżżejjed biex tidentifikah.

(4) Il-formula tan-nomina ta' kull kandidat għandha tkun iffirmata mill-anqas minn erba' persuni reġistrati bħala eletturi fid-distrett tal-votazzjoni li għalih il-kandidat ikun nominat u li jkollhom dritt jivvotaw fl-elezzjoni, u kull persuna bħal din tista' tiffirma kull numru ta' formuli ta' nomina.

(5) Il-formula tan-nomina għandha tiġi konsenjata lil wieħed mill-Kummissjonarji Elettorali fl-Uffiċċju tal Kummissjonarji fiż-żmien speċifikat fl-avviż imsemmi fil-paragrafu (a) tar-regolament 10.

(6) Persuna ma tkunx nominata validament kemm-il-darba l-kunsens tagħha għan-nomina, mogħti bil-miktub u ffirmat minn xhud wieħed fil-formula murija fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti ma jiġix konsenjat fl-Uffiċċju tal-Kummissjonarji fiż-żmien speċifikat fl-avviż imsemmi fil-paragrafu (a) tar-regolament 10.

(7) Kunsens ta' kandidat għandu jkollu dikjarazzjoni illi huwa kwalifikat kif meħtieġ bil-liġi biex jiġi elett u jżomm dak il-post ta' membru, u d-dikjarazzjoni għandu jkollha partikolaritajiet tal-kwalifika tiegħu.

(8) Kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni skond l-aħħar paragrafu li jaħbat sew sew qabel dan li tkun taf jew li għandha raġuni tajba li taħseb li dik tkun falza teħel mita tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħamsin lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur.

(9) Mita formula ta' nomina u l-kunsens tal-kandidat għaliha jiġu konsenjati lill-Kummissjonarji Elettorali l-kandidat għandu jitqies li jkun nominat kemm-il-darba u sakemm il-Kummissjonarji Elettorali ma jiddeċidux illi l-formula ta' nomina tkun invalida jew ma tingħatax prova għas-soddisfazzjon tal-Kummissjonarji Elettorali dwar il-mewt tal-kandidat jew dwar l-irtir tal-kandidatura.

(10) Kemm jista' jkun malajr wara l-aħħar żmien stabbilit għall-konsenja tal-formuli ta' nomini, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jeżaminaw il-formuli ta' nomini, u jiddeċidu jekk il-kandidati jkunux ġew nominati validament skond dawn ir-regolamenti.

(11) Il-Kummissjonarji Elettorali jkollhom dritt li jiddeċidu li formula ta' nomina tkun invalida biss minħabba waħda mir-raġunijiet li ġejjin, jiġifieri —

(a) illi l-partikolaritajiet tal-kandidat jew tal-persuni li jiffirmaw il-formula ma jkunux kif meħtieġa mil-liġi; u

(b) illi l-formula ma tkunx firmata kif hekk meħtieġa.

(12) Mita l-Kummissjonarji Elettorali jiddeċidu illi formula ta' nomina tkun invalida, huma għandhom jiktbu fuq il-formula d-deċiżjoni u r-raġunijiet għalhekk bil-firma tagħhom.

(13) Id-deċiżjoni tal-Kummissjonarji Elettorali illi formula ta' nomina tkun valida tkun finali u ma tistax tiġi kontestata f'xi proċedura tkun li tkun.

(14) Id-deċiżjoni tal-Kummissjonarji Elettorali illi formula ta' nomina tkun invalida tkun suġġetta għal appell lill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha b'rikors preżentat b'kontestazzjoni tal-Kummissjonarji Elettorali mhux iżjed tard minn sitt ijiem qabel id-data stabbilita għall-elezzjoni, u jekk il-Qorti tiddeċidi illi l-formula ta' nomina tkun valida għandha tordna lill-Kummissjonarji Elettorali biex idaħħlu minnufih l-isem u l-partikolaritajiet l-oħra tal-kandidat interessat fil-lista pubblikata minnhom kif maħsub bir-regolament li jaħbat sew sew wara dan.

**Pubblikazzjoni tan-nomini.**

14. (1) Kemm jista' jkun malajr wara li jiddeċidu dwar il-validità tal-formuli ta' nomini l-Kummissjonarji Elettorali għandhom jippreparaw u jippublikaw lista li turi f'ordni alfabetiku tal-kunjomijiet u ismijiet il-persuni li jkunu ġew u baqgħu nominati u kull persuna oħra li kienet ġiet nominata bir-raġuni l-għala ma baqgħetx iżjed nominata.

(2) Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jippubblikaw il-lista billi tiġi mwaħħla fl-Uffiċju tal-Kummissjonarji.

**Irtir ta' kandidat.**

15. Kandidat jista', mhux iżjed tard minn sitt sigħat qabel ma jagħlaq iż-żmien stabbilit għan-nomina, jirtira l-kandidatura tiegħu b'avviż bil-miktub iffirmat minnu u attestat minn xhud wieħed u konsenjat lill-Kummissjonarju Elettorali fl-Uffiċċju tal-Kummissjonarji.

**Mewt ta' kandidat wara n-nomina u qabel il-votazzjoni.**

16. Jekk qabel ma tibda l-votazzjoni tingħata prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissjonarji Elettorali —

(a) li persuna li tkun validament nominata tkun mietet wara l-aħħar ħin stabbilit għall-konsenja tal-formuli ta' nomina; jew

(b) illi persuna murija fil-lista ta' persuni nominati bħala li baqgħet nominata għall-elezzjoni kienet fil-fatt mietet qabel l-aħħar ħin stabbilit għall-konsenja tal-formuli ta' nomina,

il-Kummissjonarij Elettorali għandhom, jekk jidrilhom xieraq li jagħmlu hekk, b'avviż pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, jaġġornaw l-elezzjoni dwar id-distrett ta' votazzjoni li għalih dak il-kandidat kien baqa' nominat għal xi ġurnata oħra iżjed konvenjenti, u l-isem ta' dak il-kandidat ma għandux ikun inkluż fil-polza ta' votazzjoni wżata għall-elezzjoni kif hekk aġġornata:

Iżda jekk minħabba l-mewt ta' dak il-kandidat in-numru ta' kandidati li jikkontestaw l-elezzjoni jiġi ridott għal sitta d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) tar-regolament 18 għandhom jgħoddu.

**Distrett ta' votazzjoni mingħajr kandidati.**

17. Jekk mita jagħlaq iż-żmien stabbilit għall-konsenja tal-formuli ta' nomina, ebda kandidat ma jkun ġie validament nominat għal distrett ta' votazzjoni, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jieħdu ħsieb li rapport f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, u f'dak il-każ il-Gvernatur jista', jekk jidhirlu hekk xieraq, joħroġ *writ* ġdid għal elezzjoni għal dak id-distrett.

**Mita kandidati jkunu dikjarati eletti jew issir votazzjoni.**

18. (1) Jekk mita jagħlaq iż-żmien stabbilit għall-konsenja tal-formuli ta' nomina n-numru ta' kandidati validament nominati għal distrett ta' votazzjoni jkun sitta jew anqas, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jiddikjaraw dawk il-kandidati eletti.

(2) Jekk in-numru ta' kandidati eletti għal distrett ta' votazzjoni jkun anqas minn sitta, il-Gvernatur jista', jekk jidhirlu hekk xieraq, joħroġ *writ* ġdid għall-elezzjoni ta' membri biex jimlew il-vaganzi l-oħra fil-kumitat distrettwali għal dak id-distrett ta' votazzjoni.

(3) Jekk in-numru ta' kandidati validament nominati għal elezzjoni għal kumitat distrettwali ikun iżjed minn sitta, għandha ssir votazzjoni bil-mod maħsub f'dawn ir-regolamenti.

**Assistenti Kummissjonarji Elettorali.**

19. (1) L-Uffiċjal Elettorali Prinċipali għandu jaħtar tant Assistenti Kummissjonarji Elettorali (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "Assistenti Kummissjonarji") daqs kemm ikunu meħtieġa sabiex jissorveljaw il-votazzjoni bil-mod maħsub iżjed 'il quddiem.

(2) Ebda Assistent Kummissjonarju ma jista' jiġi maħtur biex jissorvelja fid-distrett tal-votazzjoni li fih jirrisjedi jew li fih ikun soltu jeżerċita l-professjoni jew sengħa tiegħu.

(3) L-Assistenti Kummissjonarji għandhom jieħdu quddiem wieħed mill Kummissjonarji Elettorali l-ġurament tal-kariga fil-formula murija fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u għandhom jimxu skond l-istruzzjonijiet li jirċievu mill-Kummissjonarji Elettorali għall-qadi xieraq tad-dmirijiet tagħhom.

(4) Mhux aktar tard minn erbat ijiem qabel il-ġurnata stabbilita għall-votazzjoni, l-Uffiċjal Elettorali Prinċipali għandu jippubblika fil-Gazzetta tal-Gvern lista ta' l-Assistenti Kummissjonarji ta' kull post ta' votazzjoni.

**Ħin tal-votazzjoni.**

20. Il-votazzjoni gandha ssir mis-7.30 a.m. sas-1 p.m. u mis-2.30 p.m. sas-7 p.m. tal-ġurnata stabbilita għall-elezzjoni:

Iżda kull elettur illi fl-egħluq tal-votazzjoni jkun f'post ta' votazzjoni sabiex jivvota, jkollu dritt li jirċievi polza ta' votazzjoni u li jivvota:

Iżda wkoll illi l-Uffiċjal Elettorali Prinċipali jista' qabel jew wara li tibda l-votazzjoni, itawwal iż-żmien stabbilit għall-votazzjoni fil-postijiet kollha ta' votazzjoni jew f'xi wieħed minnhom, imma f'xi każ bħal dan, għandu jieħu ħsieb li jiġi mwaħħal avviż għal hekk f'dak il-post jew f'dawk il-postijiet ta' votazzjoni.

**Postijiet ta' votazzjoni.**

21. F'kull post ta' votazzjoni għandu jkun hemm lista ta' l-eletturi li jkollhom dritt jivvotaw f'dak il-post ta' votazzjoni, u dik il-lista tkun prova konkluživa biex turi jekk persuna tistax jew le tivvota f'dak il-post ta' votazzjoni.

**Provdiment ta' kaxex tal-voti, eċċ.**

22. Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jikkonsenjaw lill-Assistenti Kummissjonarji għal kull post ta' votazzjoni kaxxa waħda tal-voti jew iżjed, numru biżżejjed ta' poloz ta' votazzjoni, timbru uffiċjali li juri n-numru tal-post tal-votazzjoni kif mogħti lilu mill-Kummissjonarji Elettorali u l-lista ta' l-eletturi li jistgħu jivvotaw f'dak il-post ta' votazzjoni.

**Mod ta' votazzjoni.**

23. (1) Kull elettur li jixtieq jivvota għandu jmur fil-post ta' votazzjoni speċifikat fl-avviż lill-eletturi riċevut minnu u għandu jikkonsenja dak l-avviż lil Kummissjonarju Elettorali f'dak il-post ta' votazzjoni fil-ġurnata u matul il-ħinijiet iffissati għall-votazzjoni.

(2) Ebda persuna ma tkun tista' tivvota jekk ma tipproduċix u ma tikkonsenjax lill-Assistenti Kummissjonarji l-avviż imsemmi fl-aħħar paragrafu li jaħbat sew sew qabel dan:

Iżda jekk xi ħadd li jippreżenta ruħu li jkun elettur partikolari u li ismu ma jidhirx fil-lista pubblikata skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (3) tar-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti, jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem l-Assistent Kummissjonarju dwar l-identità tiegħu li jgħid li ma rċeviex l-avviz lill-eletturi jew li wara li rċieva dak l-avviż ikun tilfu jew iddistruġġih, huwa jkun jista' jivvota.

(3) Ma tista' ssir ebda investigazzjoni waqt il-votazzjoni dwar id-dritt ta' xi persuna li tivvota sakemm l-isem ta' dik il-persuna huwa inkluż fil-lista msemmija fir-regolament 21, iżda l-Kummissjonarji Elettorali jistgħu jagħmlu lil kull elettur fil-waqt li jkun qed jagħti l-vot tiegħu iżda mhux wara dawk il mistoqsijiet li jidhrulhom xierqa sabiex jissoddisfaw ruħhom dwar l-identità ta' dak l-elettur.

(4) L-Assitenti Kummissjonarji, wara li jkunu ssoddisfaw ruħhom dwar l-identità ta' elettur u dwar il-fatt li ma jkunx diġà ivvota fl-istess elezzjoni, għandhom iħassru ismu minn fuq il-lista msemmija qabel u jikkonsenjawlu, wara li jimmarkawha bit-timbru uffiċjali speċifikat fir-regolament 22, polza ta' votazzjoni mogħtija lilhom mill-Kummissjonarji Elettorali.

(5) L-Assistenti Kummissjonarji jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom jagħtu l-ġurament lil kull elettur fil-formula murija fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(6) Persuna li tiċħad li twieġeb xi mistoqsija magħmula lilha skond il paragrafu (3) ta' dan ir-regolament jew li tieħu l-ġurament kif maħsub fl-aħħar paragrafu ta' qabel dan ma għandhiex titħalla tivvota.

(7) L-Assistenti Kummissjonarji għandhom iżommu nota bil-miktub ta' kull ġurament li jiġi mogħti lil xi persuna skond dan ir-regolament u ta' kull każ li fih ma jħallux xi persuna tivvota.

(8) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 31, ebda persuna ma tiġi mħollija tivvota ħlief fil-post ta' votazzjoni speċifikat fl-avviż lill-eletturi mibgħut lilha.

*Żewġ Assistenti Kummissjonarji f'kull post ta' votazzjoni.*

24. F'ebda każ ma għandu jkun hemm anqas minn żewġ Assistenti Kummissjonarji f'xi post ta' votazzjoni.

*Reġistrazzjoni tal-vot.*

25. Elettur għandu jirreġistra l-vot tiegħu b'mod sigriet u għandu jitni l-polza ta' votazzjoni b'mod li ma jkunx jidher l-vot tiegħu u għandu wara dan jitfa' l-polza ta' votazzjoni fil-kaxxa tal-voti quddiem l-Assistenti Kummissjonarji.

*Għajnuna lil eletturi inkapaċitati.*

26. (1) Kull elettur għandu jirreġistra l-vot tiegħu personalment, iżda kull elettur li jissoddisfa lill-Assistenti Kummissjonarji illi jkun inkapaċitat minħabba vista difettuża jew kawża oħra fisika jew li huwa ma jistax jaqra u jikteb jista' jitlob lil Assistent Kummissjonarju biex jimmarka l-polza tal-votazzjoni għalih, wara li juri l-mod li bih jixtieq jirreġistra l-vot tiegħu.

(2) Għandu jkun hemm żewġ Assistenti Kummissjonarji preżenti waqt li jkun qed jiġi reġistrat xi vot skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament u ebda persuna oħra ma għandha titħalla fil-kamra fejn ikun qed jiġi reġistrat il-vot.

(3) L-Assistenti Kummissjonarji jkunu marbuta bis-sigriet dwar il-votazzjoni ta' persuni li jkunu għenu biex jivvotaw skond dan ir-regolament.

(4) L-Assistenti Kummissjonarji għandhom isaqsu lil dak l-elettur: "Għal liema kandidat tixtieq tivvota l-ewwel?" u għandhom iqegħdu n-numru 1 fuq il-polza ta' votazzjoni quddiem l-isem tal-kandidat muri mill-elettur.

(5) L-Assistenti Kummissjonarji għandhom imbagħad isaqsu lil dak l-elettur: "Għal liema kandidat tixtieq tivvota t-tieni?" u għandhom iqegħdu n-numru 2 fuq il-polza ta' votazzjoni quddiem l-isem tal-kandidat muri mill-elettur.

(6) L-Assistenti Kummissjonarji għandhom jirripetu dan ix-xogħol dwar it-tielet preferenza jew kull preferenza wara din sakemm jiġu reġistrati sitt voti.

(7) Għall-għajnuna ta' dawk l-eletturi biex juru l-preferenza tagħhom, l-Uffiċjal Elettorali Prinċipali jista' jippermetti l-wiri fil-postijiet tal-votazzjoni ritratti tal-kandidati, jekk dawn jipprovduhom. Dawn ir-ritratti, li jista' jkollhom l-ismijiet tal-kandidati rappreżentati, għandhom ikunu ta' dak id-daqs kif l-Uffiċjal Elettorali Prinċipali jista' jiħtieġ u għandhom jiġu murija b'dak il-mod kif huwa jordna u fl-ordni li fih l-ismijiet tal-kandidati jidhru fuq il-polza ta' votazzjoni.

(8) Fil-bidu ta' dawn l-operazzjonijiet u f'kull stadju ieħor wara l-Assistenti Kummissjonarji għandhom, jekk l-elettur ikun jixtieq, jaqraw fl-ordni kif jidhru fuq il-polza ta' votazzjoni l-ismijiet tal-kandidati kollha.

L-Assistenti Kummissjonarji għandhom joqogħdu f'bogħod biżżejjed.

27. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament li jaħbat sew sew qabel dan, l-Assistenti Kummissjonarji għandhom, waqt li elettur ikun qiegħed jivvota, joqogħdu f'dik id-distanza minnu li tkun biżżejjed biex jiġi żgurat li ma jkunux jistgħu jaraw kif ikun ivvota.

Il-polza ta' votazzjoni ma tistax tinħareġ barra mill-post ta' votazzjoni.

28. (1) L-Assistenti Kummissjonarji ma għandhom f'ebda każ iħallu lil ħadd jieħu polza ta' votazzjoni barra mill-kamra fejn tkun qiegħda l-kaxxa tal-voti u l-anqas ma għandhom iħallu li l-polza ta' votazzjoni titneħħa minn taħt għajnejhom sakemm tiġi mitfugħa fil-kaxxa tal-voti.

(2) Elettur li inavvertitament ikun ħassar il-polza ta' votazzjoni tiegħu jista', wara li tiġi konsenjata lill-Assistenti Kummissjonarji, jikseb polza ta' votazzjoni oħra minflokha u l-polza ta' votazzjoni mħassra għandha minnufih tiġi kanċellata mill-Assistenti Kummissjonarji.

Ħadd ma jista' jinfluwenza elettur.

29. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 26, ebda Assistent Kummissjonarju jew persuna oħra ma għandha tivvota għal xi elettur jew, f'xi post ta' votazzjoni, tagħmel xi suġġeriment lilu direttament jew indirettament dwar il-kandidat jew kandidati li għalihom imissu jivvota jew dwar l-għażla jew preferenza tiegħu.

(2) Kull Assistent Kummissjonarju li jikser jew jonqos milli jħares id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ikun ħati ta' reat u jeħel, mita jinsab ħati, multa jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar.

Persuni li jistgħu joqogħdu fil-post ta' votazzjoni.

30. L-Assistenti Kummissjonarji ma għandhom iħallu ebda persuna, barra minn uffiċjal tal-pulizija li jkun qiegħed servizz jew persuna legalment inkarigata b'xi servizz li għandu x'jaqsam ma' l-elezzjoni jew persuna li għandha d-dritt li tivvota f'post ta' votazzjoni, tidħol f'dak il-post ta' votazzjoni, u ma għandhomx iħallu elettur jew persuna oħra li tibqa' fil-post ta' votazzjoni iżjed milli jinħtieġ.

**Voti tal-Kummissjonarji Elettorali, Assistenti Kummissjonarji, eċċ.**

31. Il-Kummissjonarji Elettorali, l-Assistenti Kummissjonarji u kull uffiċjal tal-pulizija jew persuna oħra legalment inkarigata b'xi servizz f'post ta' votazzjoni jistgħu, jekk ikollhom dritt jivvotaw fl-elezzjoni, jivvotaw fil-post ta' votazzjoni fejn ikunu jagħmlu dak is-servizz.

**Tiżmim ta' bonordni fil-post ta' votazzjoni.**

32. L-Assistenti Kummissjonarji għandhom iżommu l-bonordni fil-post ta' votazzjoni li tiegħu ikollhom l-inkarigu u jkunu risponsabbli għal kull irregolarità fil-votazzjoni f'dak il-post safejn dik l-irregolarità setgħat tkun minnhom evitata.

**Siġillar tal-kaxxi tal-voti.**

33. (1) Mita jagħlaq iż-żmien stabbilit għall-votazzjoni, l-Assistenti Kummissjonarji f'kull post ta' votazzjoni għandhom jissiġillaw il-kaxxa jew kaxex tal-voti bis-siġill tagħhom stess, u għandhom jikkonsenjaw dik il-kaxxa jew kaxex lill-Kummissjonarji Elettorali fil-post speċifikat fl-avviż imsemmi fil-paragrafu (ċ) tar-regolament 10.

(2) L-Assistenti Kummissjonarji għandhom iqiegħdu l-avviżi kollha lill-eletturi ikkonsenjati lilhom u l-poloz kollha ta' votazzjoni mhux użati jew imħassra u n-noti kollha bil-miktub miżmumin minnhom skond dawn ir-regolamenti f'pakkett u għandhom jissiġillaw dak il-pakkett u jikkonsennjawh lill-Kummissjonarji Elettorali flimkien mal-kaxex tal-voti.

**Aġenti għall-għadd.**

34. (1) Kull kandidat jista' jaħtar persuna waħda, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa bħala "aġent għall-għadd", u din il-persuna kif ukoll il-kandidat ikollhom dritt li jmorru għall-għadd tal-voti u li jkollhom aċċess għall-post fejn jinżammu l-kaxex tal-voti sakemm jingħaddu l-voti, sabiex iqiegħdu s-siġill tagħhom fuq il-kaxex tal-voti u fuq il-pakketti msemmija fil-paragrafu (2) tar-regolament 33.

(2) Avviż bil-miktub dwar il-ħatra ta' "aġent għall-għadd", li juri l-isem u l-indirizz tiegħu, għandu jingħata mill-kandidat lill-Kummissjonarji Elettorali matul iż-żmien mogħti għan-nomina skond dawn ir-regolamenti.

**Poloz ta' votazzjoni.**

35. Il-poloz ta' votazzjoni għandhom jkunu stampati fil-formula murija fit-Tmien Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u għandu jkollhom lista tal-kandidati irranġata alfabetikament fl-ordni tal-kunjomijiet tagħhom, u jekk ikun hemm żewġ kandidati jew iżjed bl-istess kunjom fl-ordni ta' l-isem jew ismijiet tagħhom.

**Numru ta' kandidati li jiġi votat għalihom.**

36. Ebda elettur ma għandu jivvota għal iżjed minn sitt kandidati, iżda jista' jivvota għal anqas.

**Mod kif jiġi reġistrat il-vot.**

37. (1) Elettur għandu jirreġistra l-vot tiegħu favur kull kandidat li għalih jixtieq jivvota billi jqiegħed fuq il-polza ta' votazzjoni, quddiem l-isem ta' dak il-kandidat, xi wieħed min numri 1, 2, 3, 4, 5 jew 6, f'ordni ta' preferenza.

(2) Għall-finijiet ta' l-għadd tal-voti t-tqegħid ta' xi numru bħal dan quddiem l-isem ta' kandidat għandu jgħodd bħala vot wieħed mhux trasferibbli, iżda għall-finijiet ta' xi għadd ieħor kif maħsub fil-paragrafu (5) ta' dak ir-regolament in-numru mqiegħed quddiem l-isem ta' kandidat għandu jittieħed li juri l-ordni ta' għażla jew preferenza ta' l-elettur.

**Poloz ta' votazzjoni invalidi.**

38. (1) Polza ta' votazzjoni għandha tiġi dikjarata invalida mill-Kummissjonarji Elettorali jekk—

(a) l-elettur jivvota għal iżjed minn sitt kandidati; jew

(b) ikun hemm fuqha xi kitba jew marki (magħduda waħ-

da li biha l-elettur jista' jiġi identifikat) li ma jkunux in-numri 1, 2, 3, 4, 5 jew 6, jew it-timbru uffiċjali ta' l-Assistenti Kummissjonarji; jew

(ċ) it-timbru uffiċjali ma jkunx immarkat fuqha; jew

(d) il-polza ta' votazzjoni tkun tħalliet vojta:

Iżda ebda polza ta' votazzjoni ma għandha tiġi dikjarata invalida minħabba biss li l-istess numru jitqiegħed quddiem l-isem ta' iżjed minn kandidat wieħed:

Iżda wkoll jekk ma jkunx jista' jiġi stabbilit b'ċertezza għal liema kandidat xi wieħed min-numri mqiegħed mill-elettur fuq il-polza ta' votazzjoni jkun ġie reġistrat, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jiddikjaraw il-polza ta' votazzjoni invalida biss dwar il-vot espress b'xi numru bħal dak.

(2) Id-deċiżjoni tal Kummissjonarji Elettorali fuq il-validità jew invalidità ta' kull polza ta' votazzjoni tkun finali u konkluživa.

Ftuħ tal-kaxex tal-voti, eċċ.

39. (1) Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom igħaddu għall-ftuħ tal-kaxex tal-vot fid-data u fil-post u ħin speċifikat fl-avviż imsemmi fil-paragrafu (4) tar-regolament 10, bil-bibien miftuħa.

(2) Il-Kummissjonarji Elettorali jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' kull persuna biex tassistihom fl-għadd tal-voti.

(3) Il-Kummissjonarji Elettorali jistgħu jawtorizzaw kull wieħed jew iżjed minnhom jew kull persuna jew persuni oħra maħtura minnhom biex jagħmlu kull ħaġa f'isimhom dwar l-għadd tal-voti u kull ħaġa magħmula bis-saħħa ta' din l-awtorità għandha titqies li tkun ġiet magħmula mill-Kummissjonarji Elettorali.

(4) Il-Kummissjonarji Elettorali jew kull wieħed jew iżjed minnhom għandhom jagħtu lil kull persuna awtorizzata biex taġixxi għalihom skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ġurament għall-qadi bil-fedeltà tad-dmirijiet mogħtija minnhom lil dik il-persuna.

Taħlit tal-poloz.

40. (1) Qabel ma l-Kummissjonarji Elettorali jgħaddu għall-għadd tal-voti dwar kull distrett ta' votazzjoni għandhom iħalltu flimkien il-poloz kollha ta' votazzjoni li jkunu ta' dak id-distrett ta' votazzjoni.

(2) Wara li jkunu ħalltu l-poloz ta' votazzjoni l-Kummissjonarji Elettorali għandhom jeżaminawhom sabiex ineħħu kull wieħed li jkun invalidu.

Għadd tal-voti u dikjarazzjoni tal-kandidat elett

41. (1) Wara li jiġu żgurati l-poloz ta' votazzjoni validi u jiġu mneħħija dawk invalidi l-Kummissjonarji Elettorali għandhom jgħaddu għall-għadd tan-numru ta' voti validi miksuba minn kull kandidat.

(2) Il-kandidati li jiksbu l-ogħla numru ta' voti għandhom jiġu dikjarati eletti fl-ordni tal-kobor fin-numru ta' voti miksub sakemm is-sitt vaganzi jimtlew fl-elezzjoni tal-kumitat distrettwali li għalih l-elezzjoni tirriferixxi.

(3) Fil-każ ta' voti ndaqs bejn żewġ kandidati jew iżjed, dawk il-kandidati għandhom jiġu dikjarati eletti f'kull vaganza li baqgħet biex timtela iżda jekk in-numru ta' dawk il-kandidati jkun iżjed minn min-numru ta' vaganzi li jkunu baqgħu biex jimtlew, għadd jew għaddijiet oħra, kif maħsub fil-paragrafu li jaħbat sew sew wara dan, għandhom isiru fost il-kandidati li jkollhom voti ndaqs għal kull vaganza jew vaganzi li jkunu baqgħu biex jiġu mimlija sakemm jiġu dikjarati eletti sitt kandidati u mhux iżjed.

(4) Għaddijiet oħra meħtieġa kif intqal qabel għandhom isiru bil-mod li ġej, jiġifieri, kull wieħed mill-kandidati li jkollhom voti ndaqs għandu jkun akkreditat bin-numru ta' voti daqs in-numru tal-poloz ta' votazzjoni li fihom tkun reġistrata l-ewwel preferenza għal-favur tiegħu: il-kandidat jew kandidati li jkunu hekk akkreditati bl-ogħla numru ta' voti għandhom jiġu dikjarati eletti; u fil-każ li jerġgħu jkollhom voti ndaqs l-istess proċedura għandha terġa' ssir dwar dawk il-kandidati li jkunu kisbu numru ndaqs ta' voti kif intqal qabel fuq il-bażi tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt preferenza, skond ma l-każ ikun jeħtieġ, u mita f'xi stadju wieħed tal-proċeduri jiġi żgurat voti mhux indaqs, il-kandidat jew kandidati akkreditati bl-ogħla numru ta' voti f'dak l-istadju għandhom jiġu dikjarati eletti fil-vaganza jew vaganzi li jkun baqa':

Iżda jekk tingħata l-istess preferenza għal iżjed minn kandidat wieħed fuq l-istess polza ta' votazzjoni, il-polza ta' votazzjoni għandha tiġi dikjarata invalida għall-għadd li fih dik il-preferenza tiġi tgħodd u għall-għaddijiet l-oħra kollha ta' wara.

(5) Fil-każ ta' voti ndaqs bejn żewġ kandidati jew iżjed fl-għadd tas-sitt preferenza l-Kummissjonarji Elettorali għandhom jiddeċidu bix-xorti liema mill-kandidati għandhom jiġu dikjarati eletti fil-vaganza li jkun baqa'.

42. Kull persuna li jkollha dritt tivvota jkollha wkoll dritt li tkun preżenti fil-post fejn isir l-għadd tal-voti, sakemm il-proċess xieraq ta' l-għadd ma jkunx fid-diskrezzjoni tal-Kummissjonarji Elettorali, imfixkel bil-preżenza tagħha. Il-Kummissjonarji Elettorali jistgħu, barra minn hekk jillimitaw in-numru ta' nies preżenti jekk jidrilhom illi dana jkun meħtieġ għat-tmexxija xierqa ta' l-għadd.

Persuni li jkunu preżenti waqt l-għadd.

43. (1) Wara l-għadd tal-voti, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jikkonservaw sa l-elezzjoni li tiġi wara l-poloz kollha ta' votazzjoni wżati għal kull distrett ta' votazzjoni f'pakketti separati issiġillati, kif ġej —

Konservazzjoni ta' dokumenti.

(a) il-poloz ta' votazzjoni mħassrin;

(b) il-poloz ta' votazzjoni invalidi;

(ċ) il-poloz ta' votazzjoni validi.

(2) Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jiktbu fuq kull pakkett deskrizzjoni tal-kontenut tiegħu u d-data ta' l-elezzjoni li għaliha jirriferixxi, u l-isem tad-distrett tal-votazzjoni li għalih tkun saret l-elezzjoni.

(3) Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jikkonservaw għall-istess żmien għal kull distrett tal-votazzjoni kopja tad-dikjarazzjoni tar-riżultat tal-votazzjoni.

44. Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom, kemm jista' jkun malajr wara l-ġurnata li fiha jkun ġie żgurat ir-riżultat ta' l-għadd tal-voti, jibagħtu lis-Segretarju ... — jiedlu hsieb li dikjarazzjoni dwar ir-riżultat ta' l-elezzjonijiet iffirmata minnhom tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern

Pubblikazzjoni tar-riżultat.

Petizzjonijiet dwar elezzjoni

45. Fuq petizzjoni dwar elezzjoni l-qorti tista' tordna li l-poloz kollha ta' votazzjoni jew parti minnhom jiġu magħduda mill-ġdid u li r-riżultat ta' l-elezzjoni jiġi żgurat skond dawn ir-regolamenti.

Attijiet ta' korruzzjoni.

46. Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V, Taqsima VI, Taqsima VII, u Taqsima VIII ta' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni għandhom, ħlief safejn jirriferixxu għal attijiet illegali, jgħoddu *mutatis mutandis* għall-elezzjonijiet miżmuma skond dawn ir-regolamenti fl-istess mod kif jgħoddu għall-elezzjonijiet miżmuma skond dik l-Ordinanza:

Iżda minflok ir-riferenza, fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 61 ta' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni, għad-disposizzjonijiet ta' dik l-ordinanza dwar elezzjonijiet u tar-Regolamenti Elettorali għandha tidħol riferenza għad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza ta' l-1961 dwar il Gvern Lokali ta' Għawdex dwar elezzjonijiet u ta' kull regolamenti magħmula skond l-artikolu 23 ta' l-Ordinanza msemmija l-aħħar.

Elezzjonijiet ta' kunsulieri eletti.

47. L-elezzjonijiet ta' kunsulieri għal kariga fil-Kunsill għandhom jinżammu bil-mod maħsub fid-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dawn ir-regolamenti.

Laqgħat ta' kulleġġi elettorali għandhom jissejħu mill-Kummissjonarji Elettorali.

48. (1) Kull mita tinżamm elezzjoni ordinarja ta' membri ta' kumitat distrettwali għal kull distrett ta' votazzjoni l-membri eletti ġodda, minkejja li ż-żmien tagħhom ta' kariga bħala tali ma jkunx għadu beda, għandhom matul ix-xahar li fih ikunu eletti (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ bħala "ix-xahar ta' l-elezzjoni ordinarja") jikkostitwixxu kulleġġ elettorali dwar dak id-distrett għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' wara ta' dan ir-regolament.

(2) Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom, kemm jista' jkun malajr wara elezzjoni bħal dik kif intqal qabel, joħorġu avviżi biex isejħu, u jsejħu, laqgħat separati ta' kull kulleġġ elettorali, u f'kull laqgħa bħal din persuna waħda, li tkun membru ta' dak il-kulleġġ elettorali u kwalifikata biex tkun eletta fil-Kunsill skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Ordinanza ta' l-1961 dwar il-Gvern Lokali ta' Għawdex, għandha tiġi eletta għall-kariga fil-Kunsill bħala kunsulier elett.

(3) Dawn il-laqgħat għandhom jinżammu f'dik il-ġurnata, mhux qabel is-sittax-il-ġurnata u mhux wara l-aħħar ġurnata tax-xahar ta' l-elezzjoni ordinarja, u f'dak il-post u ħin li l-Kummissjonarji Elettorali jistgħu jaħtru għal hekk.

Avviż tal-laqgħat tal-kulleġġi elettorali.

49. (1) Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jieħdu ħsieb li avviż bil-miktub tad-data, post u ħin stabbilit għal-laqgħa msemmija fl-aħħar regolament li jaħbat qabel dan jiġi notifikat lil kull persuna eletta ġdida bħala membru ta' kumitat distrettwali minn uffiċjal tal-pulizija jew minn xi persuna oħra maħtura minnhom għal hekk.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament persuna li għaliha jkun maħruġ avviż skond il-paragrafu (1) għandha, minkejja l-assenza tagħha minn Malta jew xi ċirkostanza oħra li minħabba fiha dik il persuna ma tirċievix l-avviż, titqies li tkun ġiet notifikata kif imiss bl-avviż jekk kopja tiegħu, iffirmata minn Kummissjonarju Elettorali, titħalla għand persuna ta' l-età fl-indirizz li fih tkun reġistrata bħala elettur fir-Reġistru Elettorali, minn persuna awtorizzata kif imiss għal hekk, mhux anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-ħin li għalih il-laqgħa tissejjaħ.

(3) Mita avviż ta' laqgħa ta' kulleġġ elettorali jkun ġie maħruġ u notifikat kif inqal qabel, il-Kummissjonarji Elettorali jkollhom dritt li jgħaddu għal dik il-laqgħa minkejja l-assenza minnha ta' xi persuna notifikata bl-avviż, u dik l-assenza ma tolqotx il-validità tal-proċeduri ta' dik il-laqgħa jew l-elezzjoni ta' xi kunsulier fiha.

Setgħat tal-Kummissjonarji Elettorali.

50. It-tul ta' avviż li għandu jingħata għal dawn il-laqgħat, l-ammissjoni tal-pubbliku fihom, u kull ħaġa oħra li tinqala' f'dawn il-laqgħat li għalihom dawn ir-regolamenti ma jipprovdux xorta'oħra, ikunu fid-diskrezzjoni tal-Kummissjonarji Elettorali:

Iżda l-Kummissjonarji Elettorali għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw trattament kif jixraq u ugwali ta' kull persuna interessata f'elezzjoni ta' kunsulieri.

Elezzjoni ta' kunsulieri għandha tkun b'vot sigriet.

51. Kull elezzjoni ta' kunsulier skond dan ir-regolament għandha titmexxa minn mhux anqas minn żewġ Kummissjonarji Elettorali u għandha, ħlief kif maħsub xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, tkun b'vot sigriet:

Iżda d-disposizzjonijiet tar-regolament 26 għandhom jgħoddu għal elezzjoni ta' kunsulieri bl-istess mod kif jgħoddu għal elezzjoni ta' membri ta' kumitati distrettwali, kull riferenza għal Assistenti Kummissjonarji fih għandha tiftiehem bħala riferenza għal Kummissjonarji Elettorali.

Poloz ta' votazzjoni.

52. F'kull votazzjoni bħal din kull persuna li tivvota għandha tirreġistra l-vot tagħha fuq polza ta' votazzjoni li għandha —

(a) qabel ma tiġi mogħtija lill-persuna li tivvota, tkun iffirmata miż-żewġ Kummissjonarji Elettorali li jmexxu l-elezzjoni;

(b) ikollha stampat jew xort'oħra mmarkat ċar fuqha l-isem u l-kunjom ta' kull membru tal-kulleġġ elettorali li għalih il-votazzjoni tirreferixxi li jkun kwalifikat biex jiġi elett fil-Kunsill skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Ordinanza ta' l-1961 dwar il-Gvern Lokali ta' Għawdex;

(ċ) minnufih qabel il-votazzjoni, tiġi mogħtija lil kull persuna li tivvota minn wieħed mill-Kummissjonarji Elettorali li jmexxu l-elezzjoni.

Mod ta' votazzjoni.

53. (1) F'kull votazzjoni bħal din kull persuna li tivvota għandha tirreġistra l-vot tagħha billi tqiegħed salib quddiem l-ismijiet ta' żewġ persuni fuq il-polza ta' votazzjoni, u kull polza ta' votazzjoni li ma tkunx immarkata b'żewġ slaleb fl-ispazju provdut għaldaqshekk għandha tiġi dikjarata invalida.

(2) Il-polza ta' votazzjoni għandha tintefa mill-elettur fil-kaxxa tal-voti provduta għal hekk.

Għadd tal-voti.

54. Kif jingħataw il-voti tal-membri kollha tal-kulleġġ elettorali preżenti fil-laqgħa, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jiftħu l-kaxxa tal-vot fil-preżenza tal-membri li jivvotaw u jgħaddu għall-għadd tal-voti.

Dikjarazzjoni tar-riżultat tal-voti.

55. (1) Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom, kif jgħoddu l-voti, jiddikjaraw il-persuna li tikseb l-akbar numru ta' voti eletta bħala kunsulier.

(2) Jekk żewġ kandidati jew iżjed ikollhom numru ta' voti ndaqs b'mod li żieda ta' vot kien jagħti dritt lil xi wieħed minnhom li jiġi dikjarat elett kif intqal qabel, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom minnufih jgħaddu għal elezzjoni oħra li fiha kull membru tal-kulleġġ elettorali preżenti għandu jkun jista' jagħmel l-għażla tiegħu ta' persuna waħda minn fost dawk il-kandidati li kellhom voti ndaqs u l-kandidat li wara dan jikseb l-akbar numru ta' voti jkun elett.

(3) Jekk jerġa' jkun hemm numru ta' voti ndaqs il-Kummissjonarji Elettorali għandhom minnufih jiddeċidu bix-xorti bejn dawk il-persuni li kellhom voti ndaqs u jipproċedu bħallikieku l-persuna li x-xorti taqa' fuqha kienet irċeviet vot ieħor.

Proċedura mita ma ssirx votazzjoni.

56. (1) Mita anqas minn tliet membri ta' kulleġġ elettorali jattendu laqgħa msejħa skond dawn ir-regolamenti sabiex jiġi elett kunsulier il-Kummissjonarji Elettorali ma għandhomx iżommu elezzjoni, iżda għandhom jipproċedu kif maħsub fil-paragrafi li ġejjin ta' dan ir-regolament, skond kif il-każ jiħtieġ.

(2) Jekk jattendu l-laqgħa żewġ membri biss tal-kulleġġ elettorali, imbagħad —

(a) jekk iż-żewġ membri jkunu kwalifikati sabiex jiġu eletti fil-Kunsill skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Ordinanza ta' l-1961 dwar il-Gvern Lokali ta' Għawdex, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom minnufih jiddikjaraw elett bħala kunsulier il-membru preżenti li, fl-elezzjoni tal-membri tal-kumitat distrettwali, kien akkreditat bl-akbar numru ta' voti bejn it-tnejn, u f'każ li ż-żewġ membri kellhom numru ta' voti ndaqs, għandhom jgħaddu biex jiddeċidu bejniethom bir-xorti u jiddikjaraw elett bħala kunsulier il-membru li fuqu taqa' l-għażla;

(b) jekk membru wieħed biss ikun kwalifikat kif intqal qabel, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom minnufih jiddikjarawh elett bħala kunsulier.

(3) Jekk jattendi l-laqgħa membru wieħed biss, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom minnufih, jekk ikun kwalifikat kif intqal qabel, jiddikjarawh elett bħala kunsulier.

(4) Jekk ebda membru kwalifikat kif intqal qabel ma jattendi l-laqgħa, il-Kummissjonarji Elettorali għandhom minnufih jiddikjaraw elett bħala kunsulier il-membru li, waqt li jkun kwalifikat kif inqtal qabel, kien akkreditat bl-akbar numru ta' voti fl-elezzjoni tal-kumitat distrettwali, u fil-każ li kien hemm voti ndaqs bejn il-membri hekk kwalifikati u hekk akkreditati l-Kummissjonarji Elettorali għandhom jgħaddu biex jiddeċidu bejniethom bix-xorti u jiddikjaraw elett bħala kunsulier il-membru li fuqu taqa' l-għażla.

Pubblikazzjoni tar-riżultati.

57. Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom kemm jista' jkun malajr jieħdu ħsieb li dikjarazzjoni dwar ir-riżultati ta' l-elezzjoni ta' kunsulieri, iffirmata minnhom, tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Konservazzjoni ta' dokumenti.

58. Il-Kummissjonarji Elettorali għandhom jieħdu ħsieb li l-poloz ta' votazzjoni ta' kull kulleġġ elettorali jiġu ippakkjati separatament, u għandhom jissiġillawhom flimkien mal-poloz imsemmija fir-regolament 43.

Approprjazzjoni ta' flejjes meħtieġa għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

59. Il-Gvernatur jista', minn żmien għal żmien, b'*warrant* minn taħt idejh indirizzat lill-*Accountant General* jawtorizza u jordna illi l-flejjes kollha li jistgħu jinħtieġu biex titħallas kull spiża leġittima li tkun meħtieġa li ssir għat-tmexxija tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jittieħdu mill-Fond Konsolidat tad-Dħul mingħajr ebda approprjazzjoni oħra.

## S K E D I

### L-Ewwel Skeda

Regolament 5

*Ġurament ta' Kariga li Jittieħed mill-Kummissjonarji Elettorali*

Jien............................................... naħlef li naqdi bil-fedeltà d-dmirijiet ta' Kummissjonarju Elettorali biex immexxi l-elezzjoni tal-Membri tal-Kumitati Distrettwali f'Għawdex u tal-Kunsulieri tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex skond il-liġi.

Hekk Alla jgħini.

..............................................

### It-Tieni Skeda

Regolament 9

*Formula ta' Writ Maħruġ mill-Gvernatur lill-Kummissjonarji Elettorali*

Lil

Kummissjonarji Elettorali maħtura biex imexxu l-Elezzjonijiet tal-Gvern Lokali ta' Għawdex.

Billi għandha ssir Elezzjoni tal-Membri tal-Kumitati Distrettwali għal .................... Distrett(i) ta' Votazzjoni.

B'dan intom inkarigati sabiex tieħdu l-ħsieb li ssir Elezzjoni tal-Membri tal-Kumitati Distrettwali fl-imsemmi Distrett(i) ta' Votazzjoni skond il-liġi u wara dan biex tgħaddu għall-Elezzjoni tal-Kunsulieri fil-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex skond il-liġi.

Mogħti mill-Palazz tal-Belt Valletta, il-lum ............ ta' ........................ 19.....

Gvernatur

## It-tielet Skeda

Regolament 12

*Avviż lill-Eletturi*

B'dan inti avżat li ħareġ *writ* għall-Elezzjoni ta' Membri tal-Kumitati Distrettwali miżmuma skond l-Ordinanza ta' l-1961 dwar il-Gvern Lokali ta' Għawdex.

Ismek jidher fir-reġistru elettorali pubblikat l-aħħar fost l-ismijiet ta' dawk li għandhom dritt jivvotaw f'dawn l-elezzjonijiet.

Il-post tal-votazzjoni fejn inti għandek id-dritt tivvota huwa dak li jidher hawn taħt u inti ma tkun tista' tivvota f'ebda post ieħor tal-votazzjoni.

Jekk inti trid tivvota f'din l-elezzjoni, għandek turi dan l-avviż lill-Assistenti Kummissjonarji Elettorali fl-imsemmi post tal-votazzjoni f'waħda mill-ġranet iffissati għall-elezzjoni.

Jekk għal xi raġuni int ma tkunx tista' turi dan l-avviż kif intqal qabel lill-Assistenti Kummissjonarji Elettorali fl-imsemmi post tal-votazzjoni, inti tiġi mitlub, qabel ma tingħatalek polza ta' votazzjoni, biex tiddikjara bil-ġurament l-identità tiegħek u r-raġuni l-għala l-avviż ma jkunx għandek jew taħt il-kontroll tiegħek.

Qiegħda tingħata hawnhekk twissija illi kull persuna li, sabiex tikseb polza ta' votazzjoni jew sabiex tivvota, tipproduċi xi avviż indirizzat lil xi elettur ieħor, teħel il-penalitajiet imsemmija fl-Ordinanza ta' l-1961 dwar il-Gvern Lokali ta' Għawdex.

*Sena ta' Elezzjoni* *(Distrett tal-Votazzjoni)*

| | |
|---|---|
| Isem u indirizz ta' l-elettur kif dehru fir-reġistru elettorali pubblikat l-aħħar | .................................................... |
| | .................................................... |
| Post tal-votazzjoni fejn l-elettur għandu d-dritt li jivvota. | .................................................... |

Kummissjonarju Elettorali

Regolament 13

## Ir-Raba' Skeda

*Formula tan-Nomina*

Lill-Kummissjonarji Elettorali,

Aħna hawn taħt iffirmati, billi aħna persuni li għandha dritt li nivvotaw f'elezzjoni tal-Membri tal-Kumitati Distrettwali, u billi aħna irreġistrati bħala eletturi f'dik il-parti tar-reġistru elettorali publikat l-aħħar li tirriferixxi għal ................................Distrett ta' Votazzjoni, ninnominaw il-persuna hawn taħt imsemmija bħala kandidat fl-imsemmija elezzjoni għad-Distrett ta' Votazzjoni hawn fuq imsemmi.

| Kunjom tal-kandidat | Ismijiet oħra sħaħ | Post ta' residenza | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|
| | | | |

1. Firma ..................................................
   Isem sħiħ (ittri kbar) ..............................
   ..................................................
   Indirizz ..................................................
   ..................................................

2. Firma ..................................................
   Isem sħiħ (ittri kbar) ..............................
   ..................................................
   Indirizz ..................................................
   ..................................................

3. Firma ..................................................
   Isem sħiħ (ittri kbar) ..............................
   ..................................................
   Indirizz ..................................................
   ..................................................

4. Firma ..................................................
   Isem sħiħ (ittri kbar) ..............................
   ..................................................
   Indirizz ..................................................
   ..................................................

## IL-HAMES SKEDA

Regolament 13

*Kunsens ta' Membru għan-Nomina*

Jien, ......................................................

li noqgħod ................................................

......................................................

b'din nagħti l-kunsens għan-nomina tiegħi bħala kandidat għal post ta' membru tal-Kumitat Distrettwali għal......................Distrett tal-Votazzjoni.

Jien kwalifikat kif meħtieġ bil-liġi li niġi elett u li nkun membru tal-kumitat distrettwali fuq imsemmi.

Jien hawnhekk niddikjara illi jien suddita Ingliż ta' l-età aktar minn 21 sena, residenti ordinarjament f'dawn il-Gżejjer, u ili hekk residenti fihom għal żmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar, minnufih qabel ir-reġistrazzjoni tiegħi bħala elettur fir-reġistru elettorali pubblikat l-aħħar, illi jiena reġistrat bħala elettur f'dik il-parti tar-reġistru elettorali pubblikat l-aħħar li tirriferixxi għad-Distrett ta' Votazzjoni fuq imsemmi u illi —

(a) Jien m'hinix fl-impieg tal-Kunsill;

(b) Jien m'hinix fallut mhux rijabilitat skond il-liġi ta' Malta;

(ċ) Jien ma ġejtx interdett jew inkapaċitat mill-eżerċizzju tad-drittijiet ċivili minħabba xi marda tal-moħħ jew prodigalità minn qorti kompetenti f'Malta l-anqas ma kont ċertifikat li kont ta' moħħ marid;

(d) Jien ma ġejtx kundannat minn qorti kompetenti f'xi parti tad-dominji tal-Maestà Tagħha jew f'xi territorju taħt il-protezzjoni tal-Maestà Tagħha għal mewt, *penal servitude* jew lavuri forzati għal kull żmien li jkun, jew għal priġunerija għal iżjed minn sena, u lanqas ma ġejt misjub ħati f'Malta ta' xi wieħed mid-delitti kontra l-paċi u l-unur tal-familji msemmija fis-Subtitlu II tat-Titlu VII tat-Taqsima II tal-Ktieb I tal-Kodiċi Kriminali (Kapitlu 12 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta) u la skontajt il-piena li għaliha ġejt kundannat, jew dik il-piena l-oħra li setgħet ġiet mibdula għaliha mill-awtorità kompetenti, u lanqas irċevejt maħfra.

Iffirmat ............................

Data ......................

Iffirmat quddiemi

Firma tax-xhud ..........................

Indirizz ..........................

..........................

Data ......................

(e) *Għall-persuni biss fl-impieg tal-Kuruna.*

Bħala persuna fl-impieg tal-Kuruna, jiena niddikjara li jien tlabt u ksibt permess mill-Gvernatur biex noqgħod bħala kandidat għal elezzjoni ta' Kumitat Distrettwali.

Iffirmat ............................

Data ......................

Iffirmat quddiemi ..........................

Firma tax-xhud ..........................

Indirizz ..........................

..........................

Data ......................

## Is-sitt Skeda

Regolament 19

*Formula tal-Ġurament li Jittieħed mill-Assistenti Kummissjonarji Elettorali*

Jien ........................................................ Assistent Kummissjonarju Elettorali maħtur kif imiss biex nissorvelja l-votazzjoni fl-elezzjoni tal-Membri tal-Kumitati Distrettwali, naħlef li naqdi bil-fedeltà d-dmirijiet ta' din il-kariga, u li ngħarraf b'ittra indirizzata lill-Kummissjonarji Elettorali kull irregolarità li nara waqt li tkun miexja l-elezzjoni.

Jien naħlef ukoll li nżomm is-sigriet dwar il-vot mogħti minn kull elettur li nista' nkun naf bih.

Hekk Alla jgħini.

..........................................................

## Is-seba' Skeda

Regolament 19

*Formula ta' Ġurament li Assistent Kummissjonarju Jista' Jagħti lil Elettur*

Jien * ..........................................................................

li noqgħod § ........................................................ naħlef illi jien l-istess persuna li isimha jidher bħala * .............................. fir-reġistru elettorali pubblikat l-aħħar u li jien għadni ma vvotajt la hawnhekk u lanqas band'oħra f'din l-elezzjoni ta' Membri tal-Kumitat Distrettwali.

Hekk Alla jgħini.

Iffirmat ..........................................................

Data ..................................

Maħluf quddiemi l-lum ..........................................................

..........................................................

Firma ta' l-Assistent Kummissjonarju

* Isem sħiħ

§ Indirizz ta' l-elettur

## It-tmien Skeda

Regolament 35.

*Formula tal-Polza ta' Votazzjoni*

POLZA TA' VOTAZZJONI

.................................. Distrett tal-Votazzjoni

| Isem u Deskrizzjoni tal-Kandidat | Immarka fl-ispazju ta' hawn taħt in-numri 1, 2, 3, 4, 5 jew 6 quddiem l-isem tal-kandidati li għalihom trid tivvota f'ordni ta' preferenza. |
| --- | --- |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

# IR-RABA' SKEDA

Artikolu 36

## Disposizzjonijiet Dwar l-Amministrazzjoni u t-Tmexxija Mogħtija lill-Kunsill

**Setgħat ta' amministrazzjoni u tmexxija.**

1. Bla ħsara biss għal dawk l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet li huma provduti f'din l-Iskeda, il-Kunsill ikollu s-setgħa li jamministra u jmexxi kull fond li għalih l-artikolu 36 jgħodd (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din l-Iskeda msejjaħ bħala "il-fond", liema frażi għandha tinkludi wkoll kull parti tal-fond jew kull interess fuqu) fl-aktar mod assolut u illimitat, u għal dan l-iskop il-Kunsill jista' jagħmel u jesegwixxi l-ħwejjeġ kollha li ġejjin jew xi waħda minnhom, jiġifieri: —

(a) li jieħu pussess tal-fond, li jmexxi u jissorvelja t-tmexxija tal-fond, li jikkultiva u jieħu kura tal-fond u li jiżviluppa l-fond għal finijiet ta' bini;

(b) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 34, li jikri l-fond;

(ċ) li jiftaħ u jaħdem kull barriera fil-fond, li jtella', isewwi, ibiddel u jħott bini, ċnut, ħitan, strutturi, erezzjonijiet u titjib ieħor fuq jew taħt il-fond;

(d) li jiġbor u jinforza ħlas ta' u jiġbor lura kull ċens, lawdemju, kera, qligħ, multa, penali jew kumpens ieħor ta' valur li għandu jitħallas, sew fi flus sew in natura, dwar il-fond, u li jaċċetta tħollija ta' kirjiet, lokazzjonijiet jew kuntratti oħra li jolqtu l-fond u li jagħmel kuntratti u arranġamenti ta' kull xorta dwar il-fond;

(e) li jiffirma u jagħti avviżi lil kerrejja u okkupanti tal-fond biex joħorġu jew biex jagħmlu tiswijiet jew biex ineħħu kull inkonvenjent jew ħsara, jew biex jirmedjaw ksur ta' kuntratt jew għal kull skop ieħor ikun li jkun u li jinforza r-rimedji kollha li jistħoqqu lill-Gvern dwar hekk u li jidħol fil-fond sew sabiex jara l-istat tiegħu jew b'eżerċizzju ta' kull drittijiet ta' dħul mill-ġdid jew teħid ta' pussess mogħtija lill-Gvern;

(f) li jagħmel u jiffirma applikazzjonijiet lid-Dipartimenti tal-Gvern xierqa jew awtorità jew persuna oħra kompetenti għal-liċenzi, permessi jew kunsensi kollha jew wieħed minnhom meħtieġa b'xi liġi jew xort'oħra dwar it-tmexxija jew titjib tal-fond;

(ġ) li jiġbor lura l-ħsarat jew kumpens mita dawn ikunu jistgħu jinġabru lura minn xi awtorità jew persuna, u li jħallas kull piż fuq il-fond;

(ħ) li jkeċċi u jipprojbixxi u jekk ikun meħtieġ jipproċedi skond kif jixraq bil-liġi kontra kull min jidħol fil-fond, u li jieħu passi kif imiss sew b'kawża sew xort'oħra kontra l-persuni kollha biex ineħħu l-inkonvenjenzi, molestji jew ħtif kollha;

(i) b'mod ġenerali li jeżerċita kull dritt jew azzjoni mogħtija lill-Gvern dwar il-fond; u

(j) li jagħmel in konessjoni mal-fond kull spiża bħal dik li l-Kunsill jidhirlu xieraq.

**Il-Kunsill ma jistax jittrasferixxi jew jipoteka fond.**

2. Is-setgħat mogħtija lill-Kunsill kif intqal qabel ma għandhomx jinkludu s-setgħa li jittrasferixxi jew jipoteka l-fond, u ebda ħaġa fil-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda ma għandha tiftiehem b'mod li tinkludi xi setgħa bħal din.

Il-Kunsill għandu jżomm flejjes riċevuti u għandu jkun marbut bir-risponsabbiltajiet kollha dwar il-fondi.

3. Il-Kunsill għandu, mingħajr ebda dritt ieħor ta' kumpens jew ħlas għall-amministrazzjoni u t-tmexxija mogħtija lilu bis-saħħa ta' l-artikolu 36, iżomm il-flejjes kollha riċevuti minnu fil-kors ta' din l-amministrazzjoni u tmexxija, u għandu jkollu r-risponsabbiltajiet kollha tal-Gvern dwar kull fond li għalih jirriferixxu din l-amministrazzjoni u tmexxija.

Stat legali tal-Kunsill dwar l-amministrazzjoni u tmexxija.

4. (1) Id-drittijiet u r-risponsabbiltajiet li għalihom jgħodd dan il-paragrafu huma rispettivament —

(a) drittijiet mogħtija lill-Kunsill dwar l-amministrazzjoni u tmexxija tal-fond li għalihom jgħodd l-artikolu 36 jew li jkunu nkisbu mill-Kunsill fil-kors ta' din l-amministrazzjoni;

(b) risponsabbiltajiet mogħtija lill-Kunsill bid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza dwar din l-amministrazzjoni u tmexxija kif intqal qabel jew meħuda mill-Kunsill fil-kors ta' din l-amministrazzjoni u tmexxija.

(2) Il-Kunsill għandu, minkejja li jkun qiegħed jeżerċita funzjonijiet bħala mandatarju, ikollu dritt li jwettaq kull drittijiet u jkun obbligat dwar kull risponsabbiltà li għaliha jgħodd dan il-paragrafu għal kollox bħallikieku l-Kunsill kien qed jaġixxi bħala prinċipal, u l-proċeduri kollha għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet u risponsabbiltajiet għandhom isiru minn jew kontra l-Kunsill.

## IL-ĦAMES SKEDA

Artikolu 40

### Disposizzjonijiet Dwar il-Funzjonijiet tas-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill

Kustodja ta' dokumenti.

1. Is-Segretarju u Teżorier tal-Kunsill (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "is-Segretarju u Teżorier") ikollu t-tiżmim u l-kustodja ta' u jkun risponsabbli għar-reġistri u dokumenti kollha tal-Kunsill, li għandhom jinżammu kif jiddeċidi l-Kunsill.

Attendenza ta' laqgħat tal-Kunsill u tal-kumitati tiegħu.

2. (1) Is-Segretarju u Teżorier għandu jattendi l-laqgħat kollha tal-Kunsill u tal-Kumitat tal-Finanzi tiegħu u għandu jikteb il-minuti u r-rapporti ta' dak il-kumitat, u jara li l-istess jiġu legati u miżmuma f'volumi annwali jew xort'oħra kif il-Kunsill jiddeċidi.

(2) Is-Segretarju u Teżorier għandu wkoll, kull mita b'ordni ġenerali jew speċjali tal-President tal-Kunsill ikun meħtieġ li jagħmel hekk, jattendi laqgħat ta' kull kumitat ieħor tal-Kunsill u jikteb il-minuti u r-rapporti tagħhom.

Ħruġ ta' avviżi tal-laqgħat.

3. Is-Segretarju u Teżorier għandu joħroġ avviżi u jipprepara l-karti ta' l-aġenda tal-laqgħat kollha tal-Kunsill u tal-Kumitati tiegħu.

Parir u għajnuna lill-Kunsill

4. Is-Segretarju u Teżorier għandu jara li x-xogħol tal-Kunsill jitmexxa skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u ta' kull ordnijiet permanenti, regolamenti jew *bye-laws* magħmula bis-saħħa tagħha, u jkun risponsabbli għall-korrispondenza tal-Kunsill u għandu jmexxi dawk in-negozjati f'isem il-Kunsill kif il-Kunsill jista' jiħtieġ.

*Sorveljanza ta' uffiċjali u impjegati dettaljati għax-xogħol mal-Kunsill.*

5. Is-Segretarju u Teżorier għandu jara li l-pattijiet u kondizzjonijiet li taħthom uffiċjali u impjegati tal-Gvern ikunu dettaljati għal servizz mal-Kunsill ikunu mħarsa, illi deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar ix-xogħol u kondotta tagħhom jiġu mogħtija lilhom, u li d-dmirijiet ta' dawk l-uffiċjali u impjegati jkunu mqdija kif imiss.

*Amministrazzjoni u ko-ordinazzjoni tax-xogħol tal-Kunsill.*

6. Is-Segretarju u Teżorier ikun risponsabbli għall-amministrazzjoni ġenerali tal-Kunsill u għall-ko-ordinazzjoni tax-xogħol tiegħu, u jista' jagħti parir lill-uffiċjali tal jew dettaljati mal-Kunsill dwar kwistjonijiet ordinarji li jkollhom x'jaqsmu mad-dmirijiet u l-obbligi tagħhom dwaru.

*Rapport annwali lill-Kunsill.*

7. Is-Segretarju u Teżorier għandu mhux aktar tard mit-tletin ġurnata ta' Ġunju ta' kull sena jissottometti lill-President tal-Kunsill għat-tagħrif tal-Kunsill rapport sħiħ u eżatt dwar l-amministrazzjoni kollha tal-Kunsill għas-sena finanzjarja li taħbat l-aħħar qabel dik id-data, flimkien ma' dawk l-osservazzjonijiet u rikmandazzjonijiet li jistgħu jkunu xierqa jew meħtieġa.

*Finanzi u kontijiet tal-Kunsill.*

8. (1) Is-Segretarju u Teżorier għandu b'mod attiv ikollu x'jaqsam ma', u jiġi konsultat mill-Kunsill dwar, il-ħwejjeġ kollha ta' finanzi u kontijiet tal-Kunsill, u għal dak l-iskop għandu f'dawk il-kotba li jkunu meħtieġa jirreġistra u jżomm kontijiet tajba u xierqa tal-flejjes kollha riċevuti jew li għandhom jiġu riċevuti u mħallsa jew li għandhom jitħallsu f'isem il-Kunsill, li għall-korrettezza tagħhom huwa jkun risponsabbli.

(2) Is-Segretarju u Teżorier ikun risponsabbli għat-twaqqif u manutenzjoni ta' sistema tajba u xierqa ta' kontijiet f'dak il-mod illi l-attiv u l-passiv tal-Kunsill ikunu reġistrati sewwa u illi l-kost ta' kull servizz partikulari jkun jista' faċilment jiġi aċċertat u biex ukoll jiġi żgurat il-kontroll finanzjarju effettiv tal-fondi u ħwejjeġ tal-Kunsill u għall-bilanċar tal-kontijiet kollha.

(3) Is-Segretarju u Teżorier għandu kull mita jkun meħtieġ jissottometti lill-Kumitat tal-Finanzi tal-Kunsill karta tal-bilanċ ta' verifika u dawk ir-rapporti u dikjarazzjonijiet finanzjarji l-oħra li jkunu meħtieġa għat-tagħrif tagħhom, u għandu, mhux aktar tard mill-aħħar ġurnata ta' April ta' kull sena, jissottometti lil dak il-Kumitat rapport u karta tal-bilanċ li turi l-posizzjoni sħiħa u eżatta tal-Kunsill għaż-żmien tas-sena finanzjarja li taħbat qabel.

(4) Is-Segretarju u Teżorier għandu, mhux aktar tard mill-aħħar ġurnata ta' Settembru ta' kull sena, jipprepara u jissottometti lill-Kumitat tal-Finanzi estimu sħiħ u kif imiss ta' l-*income* li għandu jiġi riċevut u n-nefqa li għandha ssir matul is-sena finanzjarja li taħbat sew sew wara.

## IS-SITT SKEDA

Artikoli 46, 47

### FONDI LI GĦANDHOM JITĦALLSU FIL-FOND TAD-DĦUL TAL-KUNSILL ĊIVIKU TA' GĦAWDEX

### TAQSIMA I

#### FLEJJES RIĊEVUTI DIRETTAMENT MILL-KUNSILL

*Kirjiet, eċċ. ta' fondi ta' proprjetà tal-Gvern f'Għawdex.*

1. Il-flejjes kollha riċevuti mill-Kunsill dwar fondi ta' proprjetà tal-Gvern li l-amministrazzjoni u t-tmexxija tagħhom hija mogħtija lill-Kunsill skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, wara li jitnaqqsu fil-każ ta' proprjetà tal-Monte di Pietà kull ħlas lura dovut lill-Fond tal-Monte di Pietà.

Dħul minn proprjetà miksuba mill-Kunsill.

2. Id-dħul kollu ta' kull xorta li jiġi minn xi proprjetà li tista' tkun miksuba mill-Kunsill skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Għoti b'għajnuna.

3. Kull għoti b'għajnuna riċevut mill-Kunsill mill-Gvern skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Drittijiet ta' kariga u ħlasijiet lura.

4. Id-drittijiet ta' kariga u ħlasijiet lura li ġejjin, jiġifieri —

(a) drittijiet tad-dħul għal Mużew ta' Għawdex u bejgħ ta' kartolini fil-Mużew;

(b) ġbir mill-*public conveniences;*

(ċ) kull drittijiet u ħlasijiet lura oħra riċevuti mill-Kunsill dwar kull oġġett jew kull servizz li għat-tiżmim u manutenzjoni tiegħu l-Kunsill għandu dmir jew setgħa li jaħseb skond din l-Ordinanza.

Flejjes oħra.

5. Il-flejjes l-oħra kollha ta' kull xorta tkun li tkun li jinġabru direttament mill-Kunsill.

## TAQSIMA II

### Flejjes Trasferiti lill-Kunsill mill-Gvern mill-Fond Konsolidat tad-Dħul

Bejgħ ta' artijiet tal-Gvern.

1. Dħul li jinġabar mill-bejgħ jew trasferiment ieħor tal-proprjetà ta' kull fond ta' proprjetà tal-Gvern f'Għawdex, wara li jitnaqqsu kull spejjeż in konnessjoni ma' hekk.

Taxxa fuq l-*income*.

2. Flejjes imħallsa —

(a) minn kull persuna li tkun ordinarjament residenti f'Għawdex bħala taxxa fuq l-*income,* u

(b) minn kull persuna bħala taxxa fuq l-*income* dwar l-*income* miksub minn proprjetà immobbli li tkun f'Għawdex,

wara li jitnaqqsu s-salarji u l-pagi tal-persunal u d-drittijiet amministrattivi l-oħra in konnessjoni magħhom.

Taxxi skond l-Ordinanza dwar it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni. Cap. 70.

3. Flejjes imħallsa minn kull persuna minħabba t-taxxa skond l-Ordinanza dwar it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni dwar —

(a) kull devoluzzjoni ta' proprjetà ta' kull xorta tkun li tkun li ssir wara mewt ta' persuna ordinarjament residenti f'Għawdex għall-aħħar ħames snin qabel il-mewt, jew

(b) trasmissjoni gratwita ta' proprjetà skond disposizzjoni bejn il-ħajjin magħmula minn persuna ordinarjament residenti f'Għawdex għall-aħħar ħames snin qabel dik it-trasmissjoni,

wara li jitnaqqsu s-salarji u l-pagi tal-persunal u d-drittijiet amministrattivi l-oħra in konnessjoni magħhom.

Multi u penalitajiet skond l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Ordinanza dwar it-Taxxi tas-Suċċessjoni u Donazzjoni.

4. Flejjes imħallsa bħala multi u penalitajiet skond l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Ordinanza dwar it-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni in konnessjoni mal-ġbir ta' kull taxxa speċifikata fil-paragrafi 2 u 3 ta' din it-Taqsima.

Taxxa tal-boll.

5. Flejjes miġbura bħala taxxa tal-boll f'Għawdex.

6. Flejjes miġbura mill-Gvern minn —

Bejgħ ta' biljetti tal-Lottu u tal-Lotterija tal-Gvern.

(a) il-bejgħ ta' biljetti tal-lottu f'Għawdex, wara li jitnaqqsu l-premjijiet, il-kommissjonijiet, l-ispejjeż ta' amministrazzjoni u l-ħlasijiet l-oħra kollha konnessi magħhom, u

(b) il-bejgħ ta' biljetti tal-Lotterija tal-Gvern f'Għawdex, wara li jitnaqqsu l-kommissjonijiet, l-ispejjeż ta' amministrazzjoni u l-ħlasijiet l-oħra kollha konnessi magħhom.

7. Flejjes miġbura mill-Gvern mill-ħruġ tal-liċenzi li ġejjin f'Għawdex —

Drittijiet tal-liċenzi.

(a) liċenzi dwar ix-xorb u spirti;
(b) liċenzi dwar il-kummerċ;
(ċ) liċenzi dwar l-*isports;*
(d) liċenzi dwar l-irkantaturi u l-biljardi;
(e) liċenzi dwar il-vetturi bil-mutur;
(f) liċenzi dwar il-klieb.

8. Id-drittijiet tar-reġistru mħallsa fil-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, id-drittijiet li jkun irċieva n-Nutar tal-Gvern, Għawdex, dwar kull kuntratt pubblikat minnu u d-drittijiet ta' l-Arkivji Nutarili, Għawdex.

Drittijiet tal-qorti u nutarili.

9. Flejjes riċevuti mid-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa dwar drittijiet ta' funerali u ambulanzi jew spejjeż u bejgħ ta' fdal tal-laħam u storijiet qodma f'Għawdex.

Dipartiment Mediku u tas-Saħħa.

10. Dawk il-flejjes l-oħra li l-Gvernatur jista', b'*warrant* minn idejh, minn żmien għal żmien jordna lill-*Accountant General* li jħallas lill-Kunsill mill-Fond Konsolidat tad-Dħul.

Flejjes oħra.

*Printed at the Department of Information* [Price 2s.